# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 74

Volum 59

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

19 ta’ Marzu 2016

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/402 tal-15 ta’ Jannar 2016 dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Kunsill tal-Ministri tar-Repubblika tal-Albanija u l-Unjoni Ewropea dwar il-proċeduri ta’ sigurtà għall-iskambju u l-protezzjoni ta’ informazzjoni klassifikata** .................... 1

**Ftehim bejn il-Kunsill tal-Ministri tar-Repubblika tal-Albanija u l-Unjoni Ewropea dwar il-proċeduri ta’ sigurtà għall-iskambju u l-protezzjoni ta’ informazzjoni klassifikata** .................................................... 3

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/403 tat-18 ta’ Marzu 2016 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-klassifikazzjoni ta’ ksur serju tar-regoli tal-Unjoni, li jista’ jwassal għat-telf ta’ reputazzjoni tajba tal-operatur tat-trasport bit-triq u li jemenda l-Anness III tad-Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** ([1]) .................................................................................... 8

Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/404 tal-18 ta’ Marzu 2016 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta’ dħul ta’ ċertu frott u ħxejjex 28

Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/405 tat-18 ta’ Marzu 2016 li jiddetermina l-kwantitajiet li għandhom jiżdiedu mal-kwantità ffissata għas-subperjodu mill-1 ta’ Lulju sat-30 ta’ Settembru 2016 fil-qafas tal-kwoti tariffarji miftuħa bir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2015/2077 għall-bajd, il-prodotti tal-bajd u l-albumina li joriġinaw mill-Ukrajna ...................... 30

Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/406 tat-18 ta’ Marzu 2016 li jiddetermina l-kwantitajiet li għandhom jiżdiedu mal-kwantità stabbilita għas-subperjodu mill-1 ta’ Lulju sat-30 ta’ Settembru 2016 fil-qafas tal-kwoti tariffarji miftuħa bir-Regolament (KE) Nru 1384/2007 għal-laħam tat-tjur li joriġina fl-Iżrael ............................................................ 32

([1]) Test b’rilevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b’titoli b’tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta’ kuljum ta’ affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b’tipa skura u mmarkati b’asterisk quddiemhom.

★ **Deċiżjoni (UE) 2016/407 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (applikazzjoni mill-Belġju EGF/2015/007 — BE/Hainaut-Namur Glass)** ..... 34

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/408 tal-10 ta' Marzu 2016 dwar is-sospensjoni temporanja tar-rilokazzjoni ta' 30 % tal-applikanti allokati lill-Awstrija skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1601 li tistabbilixxi miżuri proviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u l-Greċja** ..... 36

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/409 tal-14 ta' Marzu 2016 li taħtar membru u membru supplenti, proposti mir-Renju ta' Spanja fil-Kumitat tar-Reġjuni** ..... 38

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/410 tal-14 ta' Marzu 2016 li taħtar membru supplenti, propost mir-Renju ta' Spanja fil-Kumitat tar-Reġjuni** ..... 39

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/411 tat-18 ta' Marzu 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2011/172/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu** ..... 40

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/412 tas-17 ta' Marzu 2016 li tawtorizza lill-Istati Membri jipprevedu deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE f'dak li għandu x'jaqsam mal-injam tal-fraxxnu li joriġina fil-Kanada jew li huwa pproċessat hemmhekk** *(notifikata bid-dokument C(2016) 1635)* ..... 41

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/413 tat-18 ta' Marzu 2016 li tiddetermina l-lokalizzazzjoni tal-infrastruttura tas-sistema stabbilita skont il-programm Galileo u li tipprevedi l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw l-operat tiegħu u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/117/UE** ([1]) ..... 45


## Rettifika


★ **Rettifika tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/57/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 dwar is-sistema ta' twissija u tweġiba bikrija għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard li jittieħed taħt id-Deċiżjoni 2119/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** (ĠU L 21, 26.1.2000 — Ħarġa Speċjali 2004, 15. Ambjent, konsumaturi u ħarsien tas-saħħa Volum 05) ..... 50


([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/402

**tal-15 ta' Jannar 2016**

**dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Kunsill tal-Ministri tar-Repubblika tal-Albanija u l-Unjoni Ewropea dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u l-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu, u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 218(5) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 218(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-laqgħa tiegħu tal-20 ta' Jannar 2014, il-Kunsill iddeċieda li jawtorizza lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (RGħ) biex jiftaħ negozjati, skont l-Artikolu 37 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 218(3) tat-Trattat dwar il-Funjonament tal-Unjoni Ewropea sabiex jikkonkludi Ftehim dwar is-sigurtà tal-informazzjoni bejn il-Kunsill tal-Ministri u r-Repubblika tal-Albanija u l-Unjoni Ewropea.

(2) Wara dik l-awtorizzazzjoni, ir-RGħ innegozja Ftehim mal-Kunsill tal-Ministri tar-Repubblika tal-Albanija dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u l-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata.

(3) Dak il-Ftehim għandu jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn il-Kunsill tal-Ministri u r-Repubblika tal-Albanija u l-Unjoni Ewropea dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u l-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim sabiex tintrabat l-Unjoni.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Jannar 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J.R.V.A. DIJSSELBLOEM

TRADUZZJONI

# FTEHIM

## bejn il-Kunsill tal-Ministri tar-Repubblika tal-Albanija u l-Unjoni Ewropea dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u l-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata

Il-Kunsill tal-Ministri tar-Repubblika tal-Albanija, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-Albanija";

u

l-Unjoni Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-UE";

minn hawn 'il quddiem imsejħin "il-Partijiet";

FILWAQT LI JQISU li l-Partijiet jikkondividu l-objettivi li jsaħħu s-sigurtà tagħhom stess b'kull mod;

FILWAQT LI JQISU li l-Partijiet jaqblu li bejniethom għandha tiġi żviluppata kooperazzjoni dwar kwistjonijiet ta' interess komuni relatati mas-sigurtà;

FILWAQT LI JQISU li, f'dan il-kuntest, teżisti għalhekk ħtieġa permanenti għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata bejn il-Partijiet;

FILWAQT LI JQISU li kooperazzjoni u konsultazzjoni sħiħa u effettiva tista' teħtieġ l-aċċess għal, u skambju ta', informazzjoni klassifikata u materjal relatat tal-Partijiet;

KONXJI li tali aċċess għal, u skambju ta', informazzjoni klassifikata u materjal relatat jeħtieġu li jittieħdu miżuri adegwati ta' sigurtà,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

1. Sabiex jintlaħqu l-objettivi tat-tisħiħ tas-sigurtà ta' kull waħda mill-Partijiet b'kull mod, dan il-Ftehim bejn l-Albanija u l-Unjoni Ewropea dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u l-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim") għandu japplika għal informazzjoni jew materjal klassifikati fi kwalunkwe forma jew ipprovduti mill-Partijiet jew inkella skambjati bejniethom.

2. Kull Parti għandha tipproteġi l-informazzjoni klassifikata li tirċievi mill-Parti l-oħra minn telf jew żvelar mhux awtorizzat f'konformità mat-termini mniżżlin hawnhekk u f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti rispettivi tal-Partijiet.

*Artikolu 2*

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, "informazzjoni klassifikata" għandha tfisser kwalunkwe informazzjoni jew materjal, fi kwalunkwe forma, li:

(a) jiġu ddeterminati minn waħda mill-Partijiet bħala li jeħtieġu protezzjoni, billi t-telf jew l-iżvelar mhux awtorizzat tagħhom jista' joħloq livelli varji ta' dannu jew ħsara għall-interessi tal-Albanija, jew tal-UE jew ta' Stat Membru wieħed jew aktar tagħha; u

(b) ikollhom marka ta' klassifikazzjoni ta' sigurtà kif tinsab fl-Artikolu 7.

*Artikolu 3*

1. L-istituzzjonijiet u l-entitajiet tal-UE li għalihom japplika dan il-Ftehim huma: il-Kunsill Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "il-Kunsill"), is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (minn hawn 'il quddiem "is-SEAE") u l-Kummissjoni Ewropea. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, dawk l-istituzzjonijiet u l-entitajiet minn hawn 'il quddiem għandhom jissejħu "l-UE".

2. Dawk l-istituzzjonijiet u l-entitajiet tal-UE jistgħu jikkondividu informazzjoni klassifikata li taslilhom taħt dan il-Ftehim ma' istituzzjonijiet u entitajiet oħrajn tal-UE, soġġett għall-kunsens bil-miktub minn qabel tal-parti provvedenti u soġġett għal assigurazzjonijiet xierqa li l-entità riċeventi tipproteġi l-informazzjoni b'mod xieraq.

*Artikolu 4*

Kull waħda mill-Partijiet għandha tiżgura li jkollha fis-seħħ sistemi u miżuri ta' sigurtà xierqa, ibbażati fuq il-prinċipji bażiċi u l-istandards minimi ta' sigurtà stabbiliti fil-liġijiet jew fir-regolamenti rispettivi tagħhom, u riflessi fl-arranġamenti ta' sigurtà li għandhom jiġu stabbiliti skont l-Artikolu 12, sabiex ikun żgurat li qed jiġi applikat livell ekwivalenti ta' protezzjoni għal informazzjoni klassifikata soġġetta għal dan il-Ftehim.

*Artikolu 5*

Kull waħda mill-Partijiet għandha:

(a) tipproteġi l-informazzjoni klassifikata pprovduta minn jew skambjata mal-Parti l-oħra taħt dan il-Ftehim f'livell li jkun tal-inqas ekwivalenti għal dak mogħti mill-Parti provvedenti;

(b) tiżgura li l-informazzjoni klassifikata pprovduta jew skambjata taħt dan il-Ftehim iżżomm il-marka tal-klassifikazzjoni ta' sigurtà mogħtija lilha mill-Parti provvedenti, u li ma tbaxxix il-livell tal-klassifikazzjoni tagħha jew tiddeklassifikaha mingħajr il-kunsens bil-miktub minn qabel tal-Parti provvedenti. Il-Parti riċeventi għandha tipproteġi l-informazzjoni klassifikata skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-regolamenti ta' sigurtà tagħha stess għal informazzjoni li jkollha klassifikazzjoni ta' sigurtà ekwivalenti kif speċifikat fl-Artikolu 7;

(c) ma tużax tali informazzjoni klassifikata għal għanijiet li mhumiex dawk stabbiliti mill-oriġinatur jew dawk li għalihom tiġi pprovduta jew skambjata l-informazzjoni;

(d) ma tiżvelax tali informazzjoni klassifikata lil partijiet terzi mingħajr il-kunsens bil-miktub minn qabel tal-Parti provvedenti;

(e) ma tippermettix l-aċċess għal tali informazzjoni klassifikata lil individwi ħlief jekk dawn ikollhom bżonn it-tagħrif u jkunu ngħataw l-approvazzjoni tas-sigurtà kif xieraq skont il-liġijiet u r-regolamenti applikabbli tal-Parti riċeventi;

(f) tiżgura li l-faċilitajiet fejn l-informazzjoni klassifikata pprovduta tiġi ttrattata u maħżuna jkollhom iċ-ċertifikat tas-sigurtà xieraq; u

(g) tiżgura li l-individwi kollha li għandhom aċċess għal informazzjoni klassifikata huma infurmati bir-responsabbiltà tagħhom li jipproteġuha skont ir-regoli u r-regolamenti applikabbli.

*Artikolu 6*

1. L-informazzjoni klassifikata għandha tiġi żvelata jew rilaxxata f'konformità mal-prinċipju tal-kunsens tal-oriġinatur.

2. Sabiex isir rilaxx lil riċevituri oħra diversi mill-Partijiet, ser tittieħed deċiżjoni dwar l-iżvelar jew ir-rilaxx ta' informazzjoni klassifikata mill-Parti riċeventi fuq bażi ta' każ b'każ soġġett għall-kunsens bil-miktub minn qabel tal-Parti provvedenti u skont il-prinċipju tal-kunsens tal-oriġinatur.

3. Ma għandu jkun possibbli l-ebda rilaxx ġeneriku sakemm ma jkunux ġew maqbula proċeduri bejn il-Partijiet rigward ċerti kategoriji ta' informazzjoni li huma rilevanti għall-ħtiġiet speċifiċi tagħhom.

4. Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jitqies bħala bażi għal rilaxx mandatorju ta' informazzjoni klassifikata bejn il-Partijiet.

5. L-informazzjoni klassifikata soġġetta għal dan il-Ftehim tista' tiġi pprovduta lil kuntrattur jew lil kuntrattur prospettiv biss bil-kunsens bil-miktub minn qabel tal-Parti provvedenti. Qabel tali rilaxx, il-Parti riċeventi għandha tiżgura li l-kuntrattur jew il-kuntrattur prospettiv u l-faċilità tal-kuntrattur huma kapaċi jipproteġu l-informazzjoni u jkollhom approvazzjoni ta' sigurtà adegwata.

*Artikolu 7*

Sabiex jiġi stabbilit livell ekwivalenti ta' protezzjoni għal informazzjoni klassifikata pprovduta mill-Partijiet jew skambjata bejniethom, il-klassifikazzjonijiet tas-sigurtà għandhom jikkorrispondu kif ġej:

| UE | Albanija |
|---|---|
| TRES SECRET UE/EU TOP SECRET | TEPËR SEKRET |
| SECRET UE/EU SECRET | SEKRET |
| CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL | KONFIDENCIAL |
| RESTREINT UE/EU RESTRICTED | I KUFIZUAR |

*Artikolu 8*

1. Il-Partijiet għandhom jiżguraw li l-persuni kollha li, fit-twettiq tad-dmirijiet uffiċjali tagħhom jeħtieġu aċċess, jew li d-dmirijiet jew il-funzjonijiet tagħhom jistgħu jagħtuhom aċċess, għal informazzjoni klassifikata CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL jew KONFIDENCIAL jew ogħla pprovduta jew skambjata taħt dan il-Ftehim ikunu ngħataw l-approvazzjoni ta' sigurtà adegwata qabel ma dawn jingħataw aċċess għal tali informazzjoni apparti r-rekwiżit li l-individwu għandu bżonn it-tagħrif kif previst fl-Artikolu 5(e).

2. Il-proċeduri għall-approvazzjoni tas-sigurtà għandhom jitfasslu biex jiġi determinat jekk individwu, b'kont meħud tal-lealtà u l-affidabbiltà tiegħu, jistax ikollu aċċess għal informazzjoni klassifikata.

*Artikolu 9*

Il-Partijiet għandhom jipprovdu assistenza reċiproka fir-rigward tas-sigurtà ta' informazzjoni klassifikata soġġetta għal dan il-Ftehim u kwistjonijiet ta' interess komuni ta' sigurtà. L-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 12 għandhom iwettqu konsultazzjonijiet u żjajjar ta' evalwazzjoni reċiproċi ta' sigurtà biex tiġi stmata l-effettività tal-arranġamenti tas-sigurtà fil-qasam tar-responsabbiltà rispettiva tagħhom stabbiliti skont dak l-Artikolu.

*Artikolu 10*

1. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim:

(a) fir-rigward tal-UE, il-korrispondenza kollha għandha tintbagħat mill-Uffiċjal Kap tar-Reġistru tal-Kunsill u għandha tintbagħat minnu lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet jew l-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 3, soġġett għall-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu;

(b) fir-rigward tal-Albanija, il-korrispondenza kollha għandha tintbagħat lir-Reġistru Ċentrali tad-Direttorat għas-Sigurtà tal-Informazzjoni Klassifikata permezz tad-delegazzjoni tal-UE għall-Albanija.

2. Eċċezzjonalment, il-korrispondenza minn Parti waħda li tkun aċċessibbli biss għal uffiċjali, organi jew servizzi kompetenti speċifiċi ta' dik il-Parti tista', għal raġunijiet operattivi, tiġi indirizzata u tkun aċċessibbli biss għal uffiċjali,

organi jew servizzi kompetenti speċifiċi tal-Parti l-oħra magħżula b'mod speċifiku bħala riċevituri, b'kont meħud tal-kompetenzi tagħhom u skont il-prinċipju ta' ħtieġa ta' tagħrif. Sa fejn tkun ikkonċernata l-UE, tali korrispondenza għandha tiġi trasmessa permezz tal-Uffiċjal Kap tar-Reġistru tal-Kunsill, l-Uffiċjal Kap tar-Reġistru tas-SEAE, jew l-Uffiċjal Kap tar-Reġistru tal-Kummissjoni Ewropea, kif xieraq. Sa fejn tkun ikkonċernata l-Albanija, tali korrispondenza għandha tiġi trasmessa permezz tar-Reġistru Ċentrali tad-Direttorat għas-Sigurtà tal-Informazzjoni Klassifikata.

*Artikolu 11*

Id-Direttorat għas-Sigurtà tal-Informazzjoni Klassifikata, is-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill, il-Membru tal-Kummissjoni Ewropea responsabbli għal kwistjonijiet ta' sigurtà u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà għandhom jissorveljaw l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.

*Artikolu 12*

1. Sabiex dan il-Ftehim jiġi implimentat, għandhom jiġu stabbiliti arranġamenti ta' sigurtà bejn l-awtoritajiet ta' sigurtà kompetenti indikati hawn taħt, fejn kull waħda taġixxi taħt id-direzzjoni u f'isem is-superjuri organizzattivi tagħha, sabiex jiġu stabbiliti l-istandards għall-protezzjoni reċiproka ta' informazzjoni klassifikata taħt dan il-Ftehim:

— minn naħa waħda d-Direttorat għas-Sigurtà tal-Informazzjoni Klassifikata tal-Albanija;

— u min-naħa l-oħra

(i) l-Uffiċċju tas-Sigurtà tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill;

(ii) id-Direttorat HR.DS — id-Direttorat għas-Sigurtà tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill; u

(iii) id- Dipartiment għas-Sigurtà tas-SEAE.

2. Qabel ma tiġi pprovduta jew skambjata informazzjoni klassifikata bejn il-Partijiet taħt dan il-Ftehim, l-awtoritajiet tas-sigurtà kompetenti msemmijin fil-paragrafu 1 għandhom jaqblu li l-Parti riċeventi tkun tista' tipproteġi l-informazzjoni b'mod konsistenti mal-arranġamenti ta' sigurtà li għandhom jiġu stabbiliti skont dak il-paragrafu.

*Artikolu 13*

1. L-awtorità kompetenti ta' waħda mill-Partijiet imsemmija fl-Artikolu 12 għandha tinforma immedjatament lill-awtorità kompetenti tal-Parti l-oħra bi kwalunkwe każ ta' żvelar mhux awtorizzat ippruvat jew suspettat jew telf ta' informazzjoni klassifikata pprovduta minn dik il-Parti. L-awtorità kompetenti għandha tmexxi investigazzjoni, bl-assistenza tal-Parti l-oħra jekk meħtieġ, u għandha tirrapporta r-riżultati lill-Parti l-oħra.

2. L-awtoritajiet imsemmijin fl-Artikolu 12 għandhom jistabbilixxu l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti f'każijiet bħal dawn.

*Artikolu 14*

Kull Parti għandha tassumi l-ispejjeż tagħha stess fl-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.

*Artikolu 15*

Xejn f'dan il-Ftehim m'għandu jbiddel il-ftehimiet jew l-arranġamenti eżistenti bejn il-Partijietjew ftehimiet bejn l-Albanija u l-Istati Membri tal-UE. Dan il-Ftehim m'għandux jipprekludi lill-Partijiet milli jikkonkludu ftehimiet oħra relatati mal-provvediment jew l-iskambju ta' informazzjoni klassifikata soġġetta għal dan il-Ftehim sakemm dan ma jkunx inkompatibbli mal-obbligi taħt dan il-Ftehim.

*Artikolu 16*

Kwalunkwe tilwima bejn il-Partijiet li tirriżulta mill-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim għandha tiġi indirizzata permezz ta' negozjar bejn il-Partijiet. Matul in-negozjar iż-żewġ Partijiet għandhom ikomplu jwettqu l-obbligi kollha tagħhom taħt dan il-Ftehim.

*Artikolu 17*

1. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tal-ewwel xahar wara li l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin bit-tlestija tal-proċeduri interni meħtieġa għal dan l-għan.

2. Kull Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra bi kwalunkwe tibdil fil-liġijiet u r-regolamenti tagħha li jista' jaffettwa l-protezzjoni tal-informazzjoni klassifikata msemmija f'dan il-Ftehim.

3. Dan il-Ftehim jista' jiġi rivedut sabiex jiġu kkunsidrati emendi possibbli fuq talba ta' kwalunkwe waħda mill-Partijiet.

4. Kwalunkwe emenda magħmula lil dan il-Ftehim għandha ssir biss bil-miktub u bi ftehim komuni bejn il-Partijiet. Din għandha tidħol fis-seħħ ma' notifika reċiproka kif previst fil-paragrafu 1.

*Artikolu 18*

Dan il-Ftehim jista' jiġi terminat minn Parti waħda b'notifika bil-miktub tat-terminazzjoni mogħtija lill-Parti l-oħra. Tali terminazzjoni għandha ssir effettiva sitt xhur wara li l-Parti l-oħra tkun irċeviet in-notifika, iżda ma għandhiex taffettwa l-obbligi li l-Partijiet ikunu diġà daħlu għalihom taħt dan il-Ftehim. B'mod partikolari, kull informazzjoni klassifikata pprovduta jew skambjata skont dan il-Ftehim għandha tibqa' tiġi protetta skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti hawnhekk.

B'XIEHDA TA' DAN is-sottoskritti, debitament awtorizzati rispettivament, iffirmaw dan il-Ftehim.

Magħmul f'Tirana, fit-tielet jum ta' Marzu fis-sena elfejn u sittax, f'żewġ kopji: waħda bil-lingwa Ingliża u l-oħra bil-lingwa Albaniża. F'każ ta' tilwima t-test tal-lingwa Ingliża għandha tipprevali.

| | |
|---|---|
| *Għall-Unjoni Ewropea* | *Għall-Kunsill tal-Ministri tar-Repubblika tal-Albanija* |

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/403

### tat-18 ta' Marzu 2016

### li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-klassifikazzjoni ta' ksur serju tar-regoli tal-Unjoni, li jista' jwassal għat-telf ta' reputazzjoni tajba tal-operatur tat-trasport bit-triq u li jemenda l-Anness III tad-Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2006/22/KE tal-15 ta' Marzu 2006 dwar il-kondizz-jonijiet minimi għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri 3820/85 u 3821/85 dwar il-leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam ma' attivitajiet tat-trasport bit-triq u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 88/599/KEE ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(3) tagħha,

Billi:

(1) Bl-Artikolu 6(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009, il-Kummissjoni hija mitluba li tħejji lista ta' kategoriji, tipi u gradi ta' serjetà ta' ksur serju ta' regoli tal-Unjoni, li b'żieda ma' dawk stabbiliti fl-Anness IV ta' dak ir-Regolament, jistgħu jwasslu għat-telf ta' reputazzjoni tajba tal-impriża tat-trasport bit-triq jew tal-maniġer tat-trasport.

(2) Għal dan l-għan, il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi l-grad ta' serjetà tal-ksur b'referenza għar-riskju ta' fatalitajiet jew ta' korrimenti gravi u għandha tipprovdi l-frekwenza ta' okkorrenzi li lil hinn minnhom ksur ripetut għandu jitqies bħala iżjed serju.

(3) Il-lista ta' kategoriji, tipi u gradi ta' serjetà ta' ksur serju li jridu jiġu stabbiliti għandhom jinkludu ksur tar-regoli tal-Unjoni relatati mal-oqsma msemmija fl-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009.

(4) L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw l-informazzjoni dwar dak il-ksur meta jistabbilixxu l-prijoritajiet għall-kontrolli mmirati lejn impriżi li huma kklassifikati li jippreżentaw riskju miżjud, kif meħtieġ mill-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009.

(5) Il-miżuri li jridu jiġu adottati huma meħtieġa biex jiżguraw it-trasparenza, l-imparzjalità u ċ-ċertezza legali fl-evalwazzjoni tas-serjetà tal-ksur u l-implikazzjonijiet tagħhom fuq ir-reputazzjoni tajba tal-impriża tat-trasport jew tal-maniġer tat-trasport.

(6) Madankollu, hija r-responsabbiltà tal-awtorità kompetenti ta' Stat Membru biex twettaq il-proċedura amminis-trattiva nazzjonali sħiħa biex jiġi ddeterminat jekk it-telf ta' reputazzjoni tajba jikkostitwixxix reazzjoni proporz-jonata f'każ individwali. Proċedura ta' eżami nazzjonali bħal din għandha tinkludi, jekk ikun xieraq, kontrolli fil-bini tal-impriża kkonċernata. Għall-valutazzjoni tar-reputazzjoni tajba, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw il-kondotta tal-impriża, tal-maniġers tagħha u ta' kwalunkwe persuna rilevanti oħra.

---
([1]) ĠU L 300, 14.11.2009, p. 51.
([2]) ĠU L 102, 11.4.2006, p. 35.

(7) Il-kategorizzazzjoni armonizzata tal-ksur serju għandha tipprovdi l-bażi għall-estensjoni tas-sistema nazzjonali tal-klassifikazzjoni tar-riskju stabbilita minn kull Stat Membru skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2006/22/KE, sabiex tkopri kull ksur serju tar-regoli tat-trasport bit-triq tal-Unjoni, indikat fl-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009, li jistgħu jaffettwaw ir-reputazzjoni tajba tal-impriża tat-trasport jew tal-maniġer tat-trasport.

(8) L-Artikolu 16(2) tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 jipprovdi wkoll li l-Istati Membri għandhom jinkludu l-ksur serju fir-reġistru elettroniku nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2016. Il-kategorizzazzjoni armonizzata tal-ksur hija għalhekk pass importanti 'l quddiem li jiżgura kompetizzjoni ġusta bejn l-impriżi, aktar infurzar armonizzat u funzjonament effettiv tas-sistema ta' skambju tal-informazzjoni tar-Reġistru Ewropew tal-Impriżi tat-Trasport bit-triq.

(9) Huwa fl-interess tat-trasparenza u tal-kompetizzjoni ġusta li jiġi stabbilit metodu komuni tal-kalkolu ta' frekwenza tal-okkorrenzi li lil hinn minnhom ksur ripetut għandu jitqies bħala iżjed serju mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' stabbiliment. Tali ksur ripetut jista' jwassal biex titnieda l-proċedura amministrattiva nazzjonali, li, mingħajr preġudizzju għad-diskrezzjoni tal-awtorità kompetenti, jista' jwassal għat-telf ta' reputazzjoni tajba minn operatur tat-trasport.

(10) Bħala regola ġenerali, il-frekwenza għandha tkun determinata billi jitqiesu s-serjetà tal-ksur, iż-żmien u l-għadd medju ta' sewwieqa. Dan għandu jitqies bħala l-limitu massimu, filwaqt li għall-Istati Membri titħalla l-possibbiltà li japplikaw limiti aktar baxxi, kif previst fil-proċedura amministrattiva nazzjonali tagħhom għall-valutazzjoni ta' reputazzjoni tajba.

(11) Għall-assigurazzjoni tal-konsistenza legali u t-trasparenza, huwa wkoll meħtieġ li jiġi emendat l-Anness III tad-Direttiva 2006/22/KE billi jinbidel il-grad ta' serjetà ta' ċertu ksur stipulat hemmhekk skont il-lista tal-ksur l-aktar serju stipulati fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009.

(12) Il-lista ta' kategoriji, tipi u gradi ta' serjetà ta' ksur serju ġiet determinata f'konsultazzjoni mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati tal-Unjoni, fejn il-valutazzjoni tal-livell ta' serjetà kienet ibbażata fuq l-aqwa prassi u fuq l-esperjenza fl-infurzar tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi rilevanti fl-Istati Membri. L-aktar każijiet serji ta' ksur stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 kienu jikkostitwixxu l-limitu massimu ta' referenza għall-valutazzjoni tal-grad ta' serjetà ta' ksur rilevanti oħra.

(13) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat fuq it-Trasport bit-Triq stabbilit bl-Artikolu 18(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 ([1]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi lista komuni ta' kategoriji, tipi u gradi ta' serjetà ta' ksur serju tar-regoli tal-Unjoni tat-trasport bit-triq kummerċjali, kif stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, li, b'żieda ma' dawk stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009, jistgħu jwasslu għat-telf ta' reputazzjoni tajba ta' operatur tat-trasport tat-triq.

2. Dan ir-Regolament jistipula l-frekwenza massima tal-okkorrenza li lil hinn minnha, ksur serju ripetut għandu jitqies bħala iżjed serju, billi jittieħed f'kunsiderazzjoni l-għadd ta' xufiera użati għall-attivitajiet ta' trasport mmexxija mill-maniġer tat-trasport, kif stipulat fl-Anness II.

3. L-Istati Membri għandhom iqisu l-informazzjoni dwar il-ksur serju msemmi fil-paragrafi 1 u 2 meta jwettqu l-proċedura amministrattiva nazzjonali dwar il-valutazzjoni ta' reputazzjoni tajba.

*Artikolu 2*

L-Anness III tad-Direttiva 2006/22/KE huwa emendat kif stipulat fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 tal-20 ta' Diċembru 1985 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq (ĠU L 370, 31.12.1985, p. 8).

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa japplika mill-1 ta' Jannar 2017.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Marzu 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS I*

## Kategorizzazzjoni ta' ksur serju

(imsemmi fl-Artikolu 1)

It-tabelli li ġejjin fihom il-kategoriji u t-tipi ta' ksur serju tar-regoli tal-UE tat-trasport bit-triq kummerċjali, maqsuma fi tliet kategoriji ta' gradi ta' serjetà skont il-potenzjal tagħhom li joħolqu riskju ta' fatalitajiet jew ta' korrimenti gravi.

1. **Gruppi ta' ksur tar-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u taql-Kunsill** ([1]) **(Ħin ta' sewqan u ta' mistrieħ)**

| Nru | BAŻI ĠURIDIKA | TIPI TA' KSUR | | GRAD TA' SERJETÀ ([1]) | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | KAS | KSĦ | KS |
| **Ekwipaġġ** | | | | | | |
| 1. | Art. 5.1 | Ma jitħarsux l-etajiet minimi tal-kundutturi | | | | X |
| **Perjodi ta' sewqan** | | | | | | |
| 2. | Art. 6.1 | Aktar minn disa' (9) sigħat ta' sewqan kuljum meta mhux permessal-possibbiltà tal-estensjoni għal limitu ta' 10 sigħat | 10s ≤ … < 11s | | | X |
| 3. | | | 11s ≤ … | | X | |
| 4. | | Aktar minn disa' (9) sigħat ta' sewqan b'50 % jew iżjed mingħajr brejk jew mingħajr kwalunkwe mistrieħ ta' mill-inqas 4,5 sigħat | 13s30 ≤ … u l-ebda brejk/ serħan | X | | |
| 5. | | Jinqabeż il-ħin estiż ta' sewqan kuljum ta' 10 sigħat meta l-estensjoni hija permessa meta l-estensjoni hija permessa | 11s ≤ … < 12s | | | X |
| 6. | | | 12s ≤ … | | X | |
| 7. | | Aktar minn 10 sigħat ta' sewqan kuljum b'50 % jew iżjed mingħajr brejk jew mingħajr mistrieħ ta' mill-inqas 4,5 sigħat | 15s ≤ … u l-ebda brejk/ serħan | X | | |
| 8. | Art. 6.2 | Jinqabeż il-ħin ta' sewqan permess fil-ġimgħa | 60s ≤ … < 65s | | | X |
| 9. | | | 65s ≤ … < 70 | | X | |
| 10. | | Jinqabeż il-ħin ta' sewqan permess fil-ġimgħa b'25 % jew aktar | 70s ≤ … | X | | |
| 11. | Art. 6.3 | Jinqabeż il-ħin ta' sewqan massimu totali f'ġimgħatejn (2) konsekuttivi | 100s ≤ … < 105s | | | X |
| 12. | | | 100s ≤ … < 112s30 | | X | |
| 13. | | Jinqabeż il-ħin ta' sewqan massimu totali f'ġimgħatejn (2) konsekuttivi b'25 % jew aktar | 112s30 ≤ … | X | | |

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċertu leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85, (ĠU L 102, 11.4.2016, p. 1).

| Nru | BAŻI ĠURIDIKA | TIPI TA' KSUR | | GRAD TA' SERJETÀ [1] | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | KAS | KSĦ | KS |
| **Brejks** | | | | | | |
| 14. | Art. 7 | Jinqabeż il-ħin ta' sewqan mhux interrott ta' 4,5 sigħat qabel il-brejk | 5s ≤ … < 6s | | | X |
| 15. | | | 6s ≤ … | | X | |
| **Perjodi ta' Serħan** | | | | | | |
| 16. | Art. 8.2 | Perjodu insuffiċjenti ta' serħan ta' inqas minn 11-il siegħa meta mhux permess perjodu mnaqqas ta' serħan ta' kuljum | 8s30 ≤ … < 10s | | | X |
| 17. | | | … < 8s30 | | X | |
| 18. | | Perjodu mnaqqas insuffiċjenti ta' serħan ta' kuljum ta' inqas minn disa' (9) sigħat meta t-tnaqqis huwa permess | 7s ≤ … < 8s | | | X |
| 19. | | | … < 7s | | X | |
| 20. | | Perjodu maqsum insuffiċjenti ta' serħan ta' kuljum ta' inqas minn 3s + 9s | 3s + [7s ≤ … < 8s] | | | X |
| 21. | | | 3s + [… < 7s] | | X | |
| 22. | Art. 8.5 | Perjodu insuffiċjenti ta' serħan ta' kuljum ta' inqas minn disa' (9) sigħat għal vettura b'aktar minn sewwieq wieħed | 7s ≤ … < 8s | | | X |
| 23. | | | … < 7s | | X | |
| 24. | Art. 8.6 | Perjodu mnaqqas insuffiċjenti ta' serħan fil-ġimgħa ta' inqas minn 24 siegħa | 20s ≤ … < 22s | | | X |
| 25. | | | … < 20s | | X | |
| 26. | | Perjodu insuffiċjenti ta' serħan fil-ġimgħa inqas minn 45 siegħa meta mhux permess perjodu mnaqqas ta' serħan fil-ġimgħa | 36s ≤ … < 42s | | | X |
| 27. | | | … < 36s | | X | |
| 28 | Art. 8.6 | Aktar minn sitt (6) perjodi konsekuttivi ta' 24 siegħa wara l-perjodu preċedenti ta' serhan fil-ġimgħa | 3s ≤ … < 12s | | | X |
| | | | 12s ≤ … | | X | |
| **Deroga mir-regola ta' 12-il jum** | | | | | | |
| 29. | Art. 8.6a | Aktar minn 12-il perjodu konsekuttivi ta' 24 siegħa wara perjodu preċedenti ta' serhan fil-ġimgħa | 3s ≤ … < 12s | | | X |
| | | | 12s ≤ … | | X | |
| 30. | Art. 8.6 a (b)(ii) | Perjodu ta' serhan fil-ġimgħa jittieħed wara 12-il perjodu konsekuttivi ta' 24 siegħa | 65s < … ≤ 67s | | | X |
| | | | … ≤ 65s | | X | |

| Nru | BAŻI ĠURIDIKA | TIPI TA' KSUR | | GRAD TA' SERJETÀ (1) | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | KAS | KSĦ | KS |
| 31. | Art. 8.6 a (d) | Perjodu ta' sewqan, bejn l-22.00 u s-6.00, ta' aktar minn tliet sigħat qabel il-brejk, jekk il-vettura ma jkollhiex aktar minn sewwieq wieħed | 3s < … < 4,5s | | | X |
| | | | 4,5s ≤ … | | X | |
| | | **Organizzazzjoni tax-xogħol** | | | | |
| 32. | Art. 10.1 | Relazzjoni bejn il-paga u d-distanza misjuqa jew l-ammont ta' oġġetti trasportati | | | X | |
| 33. | Art. 10.2 | L-ebda organizzazzjoni jew l-organizzazzjoni mhux xierqa tax-xogħol tal-kunduttur, l-ebda struzzjoni jew struzzjonijiet mhux xierqa mogħtija lill-kunduttur li jippermettulu li jikkonforma mal-liġi | | | X | |

(1) KAS = Ksur l-Aktar Serju/KSĦ = Ksur Serju Ħafna/KS = Ksur Serju

2. **Gruppi ta' ksur tar-Regolament (KE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** (1) **(Takografu)**

| Nru | BAŻI ĠURIDIKA | TIPI TA' KSUR | GRAD TA' SERJETÀ | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | KAS | KSĦ | KS |
| | | **L-installazzjoni ta' takografu** | | | |
| 1. | Artikoli 3.1 u 22 | Ma jkunx installat u użat takografu tat-tip approvat (*pereżempju: it-takografu ma jkunx installat minn fitters, workshops jew manifatturi tal-vetturi li huma approvati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, l-użu ta' takografu mingħajr is-siġilli neċessarji mqiegħda jew sostitwiti minn fitter, minn workshop jew minn manifattur tal-vetturi li huma approvati jew l-użu ta' takografu mingħajr il-pjanċa tal-installazzjoni*) | X | | |
| | | **Użu tat-takografu, tal-karta tas-sewwieq jew tal-folja ta' reġistrazzjoni** | | | |
| 2. | Art. 23.1 | L-użu ta' takografu mhux spezzjonat minn workshop approvat | | X | |
| 3. | Art. 27 | Is-sewwieq għandu fil-pussess tiegħu u/jew juża aktar minn karta tas-sewwieq waħda li hija tiegħu u li hija valida | | X | |
| 4. | | Sewqan b'karta tas-sewwieq falsifikata (*meqjus bħala sewqan mingħar karta tas-sewwieq*) | X | | |
| 5. | | Sewqan b'karta tas-sewwieq li tagħha s-sewwieq mhuwiex id-detentur (*meqjus bħala sewqan mingħar karta tas-sewwieq*) | X | | |
| 6. | | Sewqan b'karta tas-sewwieq li ġiet akkwistata abbażi ta' dikjarazzjonijiet foloz u/jew ta' dokumenti ffalsifikati (*meqjus bħala sewqan mingħar karta tas-sewwieq*) | X | | |
| 7. | Art. 32.1 | Takografu ma jiffunzjonax tajjeb (*pereżempju it-takografu ma jkunx spezzjonat, ikkalibrat u ssiġillat b'mod tajjeb*) | | X | |

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar takografi fit-trasport bit-triq, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 1).

| Nru | BAŻI ĠURIDIKA | TIPI TA' KSUR | GRAD TA' SERJETÀ | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | KAS | KSĦ | KS |
| 8. | Artikoli 32.1 u 33.1 | Takografu użat b'mod ħażin (*pereżempju: l-użu ħażin b'mod intenzjonat, volontarju jew imponut, nuqqas ta' struzzjonijiet dwar l-użu korrett eċċ.*) | | X | |
| 9. | Art. 32.3 | L-użu ta' tagħmir ta' falsifikazzjoni li jkun kapaċi jimmodifika r-reġistrazzjonijiet tat-takografu | X | | |
| 10. | | Falsifikazzjoni, ħabi, suppressjoni jew qerda tad-dejta rreġistrata fuq il-folji tar-reġistrazzjoni jew tad-dejta maħżuna u ddawnlowdjata mit-takografu u/jew mill-karta tas-sewwieq | X | | |
| 11. | Art. 33.2 | L-impriża ma żżommx folji tar-reġistrazzjoni, karti stampati u dejta li titniżżel | | X | |
| 12. | | Id-dejta rreġistrata jew maħżuna mhix disponibbli għal mill-inqas sena | | X | |
| 13. | Art. 34.1 | Il-folji tar-reġistrazzjoni/il-karta tas-sewwieq jintużaw ħażin | | X | |
| 14. | | Irtirar mhux awtorizzat tal-folji jew tal-karta tas-sewwieq li jħalli impatt fuq ir-reġistrazzjoni tad-dejta rilevanti | | X | |
| 15. | | Tintuża folja tar-reġistrazzjoni jew karta tas-sewwieq biex tkopri perjodu itwal minn dak intenzjonat u tintilef xi dejta | | X | |
| 16. | Art. 34.2 | Jintużaw folji tar-reġistrazzjoni jew karti tas-sewwieqa maħmuġin jew danneġġati u d-dejta mhijiex leġibbli | | X | |
| 17. | Art. 34.3 | Ma jsirx input manwali, meta dan ikun meħtieġ | | X | |
| 18. | Art. 34.4 | Ma tintużax il-folja korretta jew il-karta tas-sewwieq tkun fi slott ħażin (aktar minn sewwieq wieħed) | | | X |
| 19. | Art. 34.5 | Il-mekkaniżmu ta' kommutazzjoni jintuża ħażin | | X | |

**Preżentazzjoni tal-informazzjoni**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 20. | Art. 36 | Rifjut li ssir verifika | | X | |
| 21. | Art. 36 | Preżentazzjoni mhux possibbli tar-reġistrazzjonijiet ta' dik il-ġurnata u tat-28 jum preċedenti | | X | |
| 22. | | Preżentazzjoni mhux possibbli tar-reġistrazzjonijiet tal-karta tas-sewwieq, meta s-sewwieq ikollu waħda | | X | |
| 23. | Art. 36 | Preżentazzjoni mhux possibbli tar-reġistrazzjonijiet manwali u tal-karti stampati li saru matul dik il-ġurnata u matul it-28 jum preċedenti | | X | |
| 24. | Art. 36 | Preżentazzjoni mhux possibbli tal-karta tas-sewwieq, meta s-sewwieq ikollu waħda | | X | |

| Nru | BAŻI ĠURIDIKA | TIPI TA' KSUR | GRAD TA' SERJETÀ | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | KAS | KSĦ | KS |
| | | **Funzjonament ħażin** | | | |
| 25. | Artikoli 37.1 u 22.1 | Takografu mhux imsewwi minn fitter jew minn workshop li huma approvati | | X | |
| 26. | Art. 37.2 | Is-sewwieq ma jniżżilx l-informazzjoni kollha meħtieġa għal dawk il-perjodi ta' ħin li matulhom ma sarux reġistrazzjonijiet meta t-takografu ma jkunx jista' jissewwa jew ikun qed jaħdem ħażin | | X | |

3. **Gruppi ta' ksur tar-Regolament (KEE) Nru 2002/15/KE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** [1] **(Ir-regoli dwar il-ħin tax-xogħol)**

| Nru | BAŻI ĠURIDIKA | TIPI TA' KSUR | | GRAD TA' SERJETÀ | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | KAS | KSĦ | KS |
| | | **Ħin tax-xogħol massimu matul il-ġimgħa** | | | | |
| 1. | Art. 4 | Aktar mill-ħin tax-xogħol massimu ta' 48 siegħa fil-ġimgħa meta l-possibbiltajiet għal estensjoni għal 60s diġà ġew eżawriti | 56s ≤ …< 60s | | | X |
| 2. | | | 60s ≤ … | | X | |
| 3. | | Aktar mill-ħin tax-xogħol massimu ta' 60 siegħa fil-ġimgħa meta ma ngħatat l-ebda deroga skont l-Art. 8 | 65 ≤ … < 70s | | | X |
| 4. | | | 70s ≤ … | | X | |
| | | **Brejks** | | | | |
| 5. | Art. 5.1 | Brejk obbligatorju insuffiċjenti meħud meta l-ħin tax-xogħol huwa ta' bejn 6 u 9 sigħat | 10 < … ≤ 20 min | | | X |
| 6. | | | … ≤ 10 min | | X | |
| 7. | | Brejk obbligatorju insuffiċjenti meħud meta l-ħin tax-xogħol huwa ta' aktar minn 9 sigħat | 20 < … ≤ 30min | | | X |
| 8. | | | … ≤ 20 min | | X | |
| | | **Xogħol ta' billejl** | | | | |
| 9. | Art. 7.1 | Ħin tax-xogħol ta' kuljum f'kull 24s meta jitwettaq ix-xogħol ta' billejl jekk ma ngħatat l-ebda deroga skont l-Art. 8 | 11s ≤ … < 13s | | | X |
| 10. | | | 13s < … | | X | |
| | | **Reġistrazzjonijiet** | | | | |
| 11. | Art. 9 | Min iħaddem jiffalsifika r-reġistrazzjonijiet tal-ħin tax-xogħol jew jirrifjuta li jipprovdi reġistrazzjonijiet lill-uffiċjal tal-ispezzjoni | | | X | |
| 12. | | Is-sewwieqa impjegati/is-sewweiqa li jaħdmu għal rashom jiffalsifikaw ir-reġistrazzjonijiet tal-ħin tax-xogħol jew jirrifjutaw li jipprovdu r-reġistrazzjonijiet lill-uffiċjal tal-ispezzjoni | | | X | |

[1] Id-Direttiva 2002/15/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2002 dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ta' ħaddiema li jwettqu attivitajiet mobbli tat-trasport fit-toroq, (ĠU L 80, 23.3.2002, p. 35).

4. **Gruppi ta' ksur tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 96/53/KE** ([1]) **(Ir-regoli dwar il-piż u l-qies)**

| Nru | BAŻI ĠURIDIKA | TIPI TA' KSUR | | GRAD TA' SERJETÀ | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | KAS | KSĦ | KS |
| **Piżijiet** | | | | | | |
| 1. | Art. 1 | Jinqabeż il-piż massimu permissibbli għal vetturi N | 5 % ≤ … < 10 % | | | X |
| 2. | | | 10 % ≤ … < 20 % | | X | |
| 3. | | | 20 % ≤ … | X | | |
| 4. | | Jinqabeż il-piż massimu permissibbli għal vetturi N2 | 5 % ≤ … < 15 % | | | X |
| 5. | | | 15 % ≤ … < 25 % | | X | |
| 6. | | | 25 % ≤ … | X | | |
| **Tulijiet:** | | | | | | |
| 7. | Art. 1 | Jinqabeż it-tul massimu permissibbli | 2 % < … < 20 % | | | X |
| 8. | | | 20 % ≤ … | | X | |
| **Wisa'** | | | | | | |
| 9. | Art. 1 | Jinqabeż il-wisa' massima permissibbli | 2,65 ≤ … < 3,10 metri | | | X |
| 10. | | | 3,10 metri ≤ … | | X | |

5. **Gruppi ta' ksur tad-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** ([2]) **(It-testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali) u d-Direttiva 2014/47/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** ([3]) **(Spezzjoni teknika waqt it-traġitt)**

| Nru | BAŻI ĠURIDIKA | TIPI TA' KSUR | GRAD TA' SERJETÀ | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | KAS | KSĦ | KS |
| **Affidabilità stradali** | | | | | |
| 1. | Artikoli 8 u 10 tad-Direttiva 2014/45/KE u l-Art. 7.1 tad-Direttiva 2014/47/UE | Sewqan mingħajr prova valida ta' testijiet b'suċċes tal-affidabilità stradali, kif meħtieġ mil-liġi tal-UE | X | | |
| 2. | L-Art. 12.2 tad-Direttiva 2014/47/UE | Li vettura ma tinżammx f'kundizzjoni tajba ta' sikurezza u ta' affidabilità li mbagħad tirriżulta f'difett serju ħafna fis-sistema tal-brejkijiet, fil-konnessjonijiet tal-istering, fir-roti/tajers, is-sospensjoni jew xażi jew tagħmir ieħor li joħloq tali riskju immedjat għas-sikurezza fit-triq li jwassal għal deċiżjoni ta' immobilizzazzjoni tal-vettura | X | | |

([1]) Id-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE tal-25 ta' Lulju 1996 li tistabbilixxi għal certi vetturi tat-triq li jiccirkolaw fi hdan il-Komunità id-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali, (ĠU L 235, tas-17.9.1996, p. 59). Id-Direttiva ġiet emendata mid-Direttiva (UE) 2015/719 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 115, 6.5.2015, p. 1) li għandha tiġi trasposta mill-Istati Membri sas-7 ta' Mejju 2017.

([2]) Id-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li tħassar id-Direttiva 2009/40/KE, (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 51).

([3]) Id-Direttiva 2014/47/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt tal-affidabilità stradali ta' vetturi kummerċjali li jiċċirkolaw fl-Unjoni u li jirrevoka d-Direttiva 2000/30/KE, (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 134).

Id-Direttiva 2014/47/UE dwar l-ispezzjoni teknika waqt it-traġitt tal-affidabilità stradali ta' vetturi kummerċjali fih fl-Anness II tagħha klassifikazzjoni dettaljata ta' nuqqasijiet tekniċi maqsuma, skont il-grad tagħhom ta' severità, f'nuqqasijiet minuri, maġġuri u perikolużi. L-Artikolu 12.2 ta' din id-Direttiva jistipula d-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) nuqqasijiet **minuri** li ma għandhom l-ebda effett sinifikanti fuq is-sikurezza tal-vettura jew ikollhom impatt fuq l-ambjent, u nuqqasijiet minuri ta' konformità oħrajn;

(b) nuqqasijiet **maġġuri** li jistgħu jippreġudikaw is-sikurezza tal-vettura jew ikollhom impatt fuq l-ambjent jew iqiegħdu fil-periklu lil utenti oħra tat-triq jew nuqqasijiet ta' konformità sinifikanti oħrajn;

(c) nuqqasijiet **perikolużi** li joħolqu riskju dirett u immedjat għas-sikurezza fit-triq jew li jkollhom impatt fuq l-ambjent.

Il-livell ta' ksur kontra d-dispożizzjonijiet tad-direttivi dwar l-affidabilità stradali għandhom jirriflettu n-nuqqasijiet tal-Anness II tad-Direttiva 2014/47/UE, jiġifieri: KS = nuqqasijiet maġġuri, KSĦ = nuqqasijiet perikolużi, KAS = sewqan b'nuqqasijiet, li joħloq riskji immedjati għas-sikurezza tat-triq, nuqqasijiet minuri huma ugwali għal ksur minuri.

6. **Gruppi ta' ksur tad-Direttiva tal-Kunsill 92/6/KEE** (1) **(L-apparat li jillimita l-veloċità)**

| Nru | BAŻI ĠURIDIKA | TIPI TA' KSUR | GRAD TA' SERJETÀ | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | KAS | KSĦ | KS |
| 1. | Artikoli 2 u 3 | L-apparat li jillimita l-veloċità mhux mgħammar | X | | |
| 2. | Art. 5 | L-apparat li jillimita l-veloċità ma jissodisfax ir-rekwiżiti tekniċi applikabbli | | X | |
| 3. | Art. 5 | L-apparat li jillimita l-veloċità mhux mgħammar minn workshop approvat | | | X |
| 4. | | L-użu ta' apparat frodulenti li jkun kapaċi jiffalsifika d-dejta tal-apparat li jillimita l-veloċità jew l-użu ta' apparat li jillimita l-veloċità frodulenti | X | | |

7. **Gruppi ta' ksur tad-Direttiva 2003/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** (2) **(Il-kwalifika inizjali u t-taħriġ perjodiku tas-sewwieqa)**

| Nru | BAŻI ĠURIDIKA | TIPI TA' KSUR | GRAD TA' SERJETÀ | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | KAS | KSĦ | KS |
| | | **Taħriġ u liċenzja** | | | |
| 1. | Art. 3 | Il-ġarr ta' merkanzija jew ta' passiġġieri mingħajr kwalifika inizjali obbligatorja u/jew taħriġ perjodiku obbligatorju | | X | |
| 2. | Art. 10 u l-Anness II | Ma jkunx possibbli għas-sewwieq li jippreżenta karta ta' kwalifikazzjoni valida jew il-liċenzja tas-sewqan bl-indikazzjonijiet, kif meħtieġ bil-liġi nazzjonali (*pereżempju: mitlufa, minsija, danneġġati, mhux leġibbli*) | | | X |

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/6/KEE tal-10 ta' Frar 1992 dwar l-istallazzjoni u l-użu ta' apparat li jillimita l-veloċità għal ċerti kategoriji ta' vetturi tal-mutur fil-Komunità (ĠU L 57, 2.3.1992, p. 27).
(2) Id-Direttiva 2003/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2003 dwar il-kwalifika inizjali u taħriġ perjodiku ta' sewwieqa ta' ċerti vetturi tat-triq għat-trasport ta' prodotti jew passiġġieri, li temenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 u d-Direttiva tal-Kunsill 91/439/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 76/914/KEE, (ĠU L 226, 10.9.2003, p. 4).

8. **Gruppi ta' ksur tad-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** [1] **(Ir-rekwiżiti tal-liċenzji tas-sewqan)**

| Nru | BAŻI ĠURIDIKA | TIPI TA' KSUR | GRAD TA' SERJETÀ | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | KAS | KSĦ | KS |
| 1. | Artikoli 1 u 4 tad-Direttiva 2006/126/KE | Il-ġarr ta' passiġġieri jew oġġetti mingħajr liċenzja tas-sewqan valida | X | | |
| 2. | Art. 1 Anness I | L-użu ta' liċenzja tas-sewqan li hija danneġġata jew li ma tistax tinqara jew li mhijiex konformi ma' mudell komuni | | | X |

9. **Gruppi ta' ksur tad-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew utal-Kunsill** [2] **(It-trasport bit-triq ta' merkanzija perikoluża)**

| Nru | BAŻI ĠURIDIKA | TIPI TA' KSUR | GRAD TA' SERJETÀ | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | KAS | KSĦ | KS |
| 1. | L-Anness I, it-Taqsima I.1, tad-Direttiva 2008/68/KE | It-trasport ta' oġġetti perikolużi li huma pprojbiti għat-trasport | X | | |
| 2. | | It-trasport ta' oġġetti perikolużi f'mezzi ta' konteniment li huma pprojbiti jew mhux approvati, b'riżultat ta' periklu għall-ħajja jew għall-ambjent sa tali punt li dan iwassal għal deċiżjoni li tiġi immobilizzata l-vettura | X | | |
| 3. | | It-trasport ta' oġġetti perikolużi mingħajr l-identifikazzjoni tagħhom fuq il-vettura bħala merkanzija perikoluża, b'riżultat ta' periklu għall-ħajja jew għall-ambjent sa tali punt li dan iwassal għal deċiżjoni li tiġi immobilizzata l-vettura | X | | |
| 4. | | Likiġ ta' sustanzi perikolużi | | X | |
| 5. | | Il-ġarr ta' volumi f'kontejner li mhuwiex strutturalment tajjeb għas-servizz | | X | |
| 6. | | Il-ġarr f'vettura mingħajr ċertifikat xieraq ta' approvazzjoni | | X | |
| 7. | | Il-vettura ma għadhiex tikkonforma mal-istandards ta' approvazzjoni u tippreżenta periklu immedjat; | | X | |
| 8. | | Nuqqas ta' konformità mar-regoli li jirregolaw l-irbit u l-istivar tat-tagħbija | | X | |
| 9. | | Nuqqas ta' konformità mar-regoli li jirregolaw it-tagħbija mħallta ta' pakketti | | X | |
| 10. | | Id-dispożizzjonijiet li jillimitaw il-kwantitajiet li jinġarru f'unità waħda tat-trasport ma jkunux ġew osservati, inklużi livelli permissibbli tal-mili tat-tankijiet jew tal-pakketti; | | X | |

[1] Id-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar il-liċenzji tas-sewqan, ĠU L 403, 30.12.2006, p. 18
[2] Id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi, (ĠU L 260, 30.9.2008, p. 13).

| Nru | BAŻI ĠURIDIKA | TIPI TA' KSUR | GRAD TA' SERJETÀ | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | KAS | KSĦ | KS |
| 11. | | Nuqqas ta' informazzjoni rilevanti dwar is-sustanza li qed tinġarr li tippermetti d-determinazzjoni tal-grad ta' serjetà tal-offiża (*pereżempju n-numru NU, id-denominazzjoni, korretta tal-ispeditur, il-grupp tal-ippakkjar*) | | X | |
| 12. | | Is-sewwieq ma għandux ċertifikat ta' taħriġ vokazzjonali validu | | X | |
| 13. | | Qed jintuża nar jew dawl mhux protett | | X | |
| 14. | | Il-projbizzjoni fuq it-tipjip mhix qed tiġi osservata. | | X | |
| 15. | | Il-vettura mhijiex taħt superviżjoni jew mhix ipparkjata b'mod tajjeb | | | X |
| 16. | | L-unità tat-trasport fiha aktar minn trejler/semitrejler wieħed | | | X |
| 17. | | Il-vettura ma għadhiex tikkonforma mal-istandards ta' approvazzjoni iżda ma tippreżentax periklu immedjat | | | X |
| 18. | | Il-vettura mhux qed iġġorr tagħmir operattiv għat-tifi tan-nar kif meħtieġ | | | X |
| 19. | | Il-vettura ma fihiex it-tagħmir meħtieġ mill-ADR jew mill-istruzzjonijiet bil-miktub | | | X |
| 20. | | Qed jinġarru pakketti b'ippakkjar danneġġat, IBCs jew ippakkjar kbir jew danneġġat, mhux imnaddaf u vojt | | | X |
| 21. | | Merkanzija ppakkjata qed tinġarr f'kontejner li mhuwiex strutturalment tajjeb għas-servizz | | | X |
| 22. | | It-tankijiet/kontejners tat-tankijiet (inklużi dawk li huma vojta u mhux imnaddfa) ma jingħalqux sew | | | X |
| 23. | | It-tikkettar, l-immarkar jew il-plakards mhumiex korretti fuq il-vettura u/jew ta' trażżin | | | X |
| 24. | | Ma hemmx struzzjonijiet bil-miktub li jikkonformaw mal-ADR, jew l-struzzjonijiet bil-miktub mhumiex rilevanti għall-merkanzija li qed tinġarr | | | X |

Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/112/KE ([1]), li tadatta għall-progress tekniku lid-Direttiva tal-Kunsill 95/50/KE ([2]) dwar proċeduri uniformi għal verifiki fuq it-trasport ta' merkanzija perikoluża bit-triq, tinkludi fl-Anness II tagħha klassifikazzjoni dettaljata ta' ksur kontra d-dispożizzjonijiet rilevanti, diviżi, skont il-livell ta' severità, fi tliet kategoriji ta' riskju: Kategorija tar-Riskju I, Kategorija tar-Riskju II, Kategorija tar-Riskju III.

Il-grad ta' ksur kontra d-dispożizzjonijiet għandu jirrifletti l-kategoriji tar-riskju provduti fl-Anness II tad-Direttiva 2004/112/KE, b'tali mod li l-**Kategorija tar-Riskju I = KSĦ** (ħlief dak il-ksur li diġà huwa definit bħala Ksur l-Aktar Serju (KAS) fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009), il-**Kategorija tar-Riskju II = Ksur Serju (KS)**. Il-Kategorija tar-Riskju III hija ugwali għal-grad ta' ksur minuri.

**Din it-tabella tkopri biss dawk il-każijiet ta' ksur li għalihom trasportatur għandu jkun meqjus kompletament jew parzjalment responsabbli. Il-grad ta' responsabbiltà għall-ksur ta' trasportatur għandu jiġi vvalutat skont il-proċedura tal-infurzar tal-Istat Membru nazzjonali.**

([1]) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/112/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 li tadatta għall-progress tekniku lid-Direttiva tal-Kunsill 95/50/KE dwar proċeduri uniformi għal verifiki fuq it-trasport ta' merkanzija perikoluża bit-triq (ĠU L 367, 14.12.2004, p. 23).
([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 95/50/KE tas-6 ta' Ottubru 1995 dwar proċeduri uniformi għal verifiki fuq it-trasport ta' merkanzija perikoluża bit-triq (ĠU L 249, 17.10.1995, p. 35).

10. **Gruppi ta' ksur tar-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** (1) **(L-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija)**

| Nru | BAŻI ĠURIDIKA | TIPI TA' KSUR | GRAD TA' SERJETÀ | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | KAS | KSĦ | KS |
| **Liċenzja Komunitarja** | | | | | |
| 1. | Art. 3 | It-trasport ta' merkanzija mingħajr liċenzja Komunitarja valida (*jiġifieri: l-ebda liċenzja jew liċenzja ffalsifikata, irtirata, skaduta eċċ.*) | X | | |
| 2. | Art. 4 | L-impriża tat-trasport bit-triq tal-merkanzija jew is-sewwieq ma jkunux jistgħu jippreżentaw liċenzja Komunitarja valida jew kopja attestata awtentika valida tal-liċenzja Komunitarja lill-uffiċjal tal-ispezzjoni (*jiġifieri: Liċenzja Komunitarja jew kopja attestata awtentika tal-liċenzja Komunitarja mitlufin, minsijin, danneġġati, eċċ.*) | | X | |
| **Attestazzjoni tas-sewwieq** | | | | | |
| 3. | Art. 3 u 5 | Il-trasport ta' merkanzija mingħajr liċenzja Komunitarja valida (*jiġifieri: l-ebda liċenzja jew liċenzja ffalsifikata; irtirata, skaduta eċċ.*) | | X | |
| 4. | | Ma jkunx possibbli għas-sewwieq jew għall-impriża tat-trasport bit-triq tal-merkanzija, li jippreżentaw ċertifikat tas-sewwieq validu jew kopja attestata valida taċ-ċertifikat tas-sewwieq lill-uffiċjal tal-ispezzjoni (*jiġifieri ċertifikat tas-sewwieq jew kopja attestata awtentika taċ-ċertifikat tas-sewwieq mitlufin, minsijin, danneġġati eċċ.*) | | | X |

11. **Gruppi ta' ksur tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** (2) **(L-aċċess għas-suq tas-servizzi tal-kowċ u tax-xarabank)**

| Nru | BAŻI ĠURIDIKA | TIPI TA' KSUR | GRAD TA' SERJETÀ | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | KAS | KS | KS |
| **Liċenzja Komunitarja** | | | | | |
| 1. | Art. 4 | Il-ġarr ta' passiġġieri jew oġġetti mingħajr liċenzja tas-sewqan Komunitarja valida *l-ebda liċenzja jew liċenzja ffalsifikata, irtirata, skaduta eċċ.*) | X | | |
| 2. | Art. 4.3 | Ma jkunx possibbli għat-trasportatur jew għas-sewwieq li jippreżenta liċenzja Komunitarja valida jew kopja attestata awtentika valida tal-liċenzja Komunitarja lill-uffiċjal tal-ispezzjoni (*jiġifieri liċenzja tas-sewwieq jew kopja attestata awtentika mitlufin, minsijin, danneġġati eċċ.*) | | X | |
| **Awtorizzazzjoni għal servizzi regolari** | | | | | |
| 3. | Artikoli 5 u 6 | Servizzi regolari mingħajr awtorizzazzjoni valida (*jiġifieri: l-ebda liċenzja jew liċenzja ffalsifikata, irtirata, skaduta eċċ.*) | | X | |
| 4. | Art. 19 | Ma jkunx possibbli għas-sewwieq li jippreżenta l-awtorizzazzjoni lill-uffiċjal tal-ispezzjoni (*jiġifieri awtorizzazzjoni mitlufa, minsija, danneġġata, ecc.*) | | | X |
| 5. | Artikoli 5 u 6 | Il-waqfiet f'servizzi regolari ta' Stat Membru ma jikkorrispondux għall-awtorizzazzjoni maħruġa | | | X |

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija ĠU L 300, 14.11.2009, p. 72).
(2) Ir-Regolament (KE) Nru 1073/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tas-servizzi tal-kowċ u x-xarabank u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 88).

| Nru | BAŻI ĠURIDIKA | TIPI TA' KSUR | GRAD TA' SERJETÀ | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | KAS | KS | KS |
| **Formola tal-vjaġġ għal servizzi okkażjonali u għal servizzi oħra eżenti mill-awtorizzazzjoni** | | | | | |
| 6. | Art. 12 | Sewqan mingħajr formola tal-vjaġġ valida (*jiġifieri l-ebda formola tal-vjaġġ jew formola tal-vjaġġ iffalsifikata jew li ma fihiex l-informazzjoni meħtieġa, eċċ.*) | | | X |

12. **Gruppi ta' ksur tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005** [1] **(Il-ġarr tal-annimali)**

| Nru | BAŻI ĠURIDIKA | TIPI TA' KSUR | GRAD TA' SERJETÀ | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | KAS | KSĦ | KS |
| 1. | L-Anness I, il-Kapitolu II, | Id-diviżorji (partitions) mhumiex b'saħħithom biżżejjed biex jifilħu għall-piż ta' annimali | | X | |
| 2. | L-Anness I, il-Kapitolu III, | L-użu ta' rampi tat-tagħbija jew tal-ħatt li għandhom uċuħ li jiżolqu, bil-protezzjonijiet laterali nieqsa jew li huma weqfin wisq | | | X |
| 3. | | L-użu ta' pjattaformi ta' rfigħ jew ta' sulari ta' fuq li ma għandhomx ostakli tas-sikurezza li jżommu l-annimali milli jaqgħu jew milli jaħarbu matul l-operazzjonijiet tat-tagħbija u tal-ħatt | | | X |
| 4. | Art. 7 | Mezzi tat-trasport mhux approvati għal vjaġġi twal, jew mhux approvati għat-tip ta' annimali li jkunu qed jiġu ttrasportati. | | | X |
| 5. | Artikoli 4, 5 u 6 | It-trasport mingħajr id-dokumentazzjoni valida meħtieġa, il-ktieb tal-vjaġġ jew l-awtorizzazzjoni tat-trasportatur jew iċ-ċertifikat ta' kompetenza | | | X |

[1] Ir-Regolament (KE) Nru 1/2005 tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati u li temenda d-Direttivi 64/432/KEE u 93/119/KE u r-Regolament (KE) Nru 1255/97, (ĠU L 3, 5.1.2005, p. 1).

*ANNESS II*

## Frekwenza tal-okkorrenza ta' ksur serju

1. Il-Ksur Serju u l-Ksur Serju Ħafna elenkati fl-Anness I, meta jitwettqu b'mod ripetut għandu jitqies bħala iżjed serju mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ta' stabbiliment. Meta tiġi kkalkolata l-frekwenza tal-okkorrenza ta' ksur ripetut l-Istati Membri għandhom iqisu l-fatturi li ġejjin:

   (a) il-grad ta' serjetà tal-ksur (Ksur Serju jew Ksur Serju Ħafna)

   (b) il-ħin (mill-inqas sena ta' tnax il-xahar konsekuttivi mid-data ta' kontroll partikolari)

   (c) l-għadd ta' sewwieqa li jintużaw għall-attivitajiet tat-trasport immexxija mill-maniġer tat-trasport (medja għal kull sena)

2. Il-potenzjal li jinħoloq riskju għas-sikurezza stradali, b'frekwenza massima ta' ksur serju li tmur lil hinn minn dak li għandu jitqies bħala iżjed serju għandu jiġi stabbilit kif ġej:

   3 SI/kull sewwieq/fis-sena = 1 VSI

   3 VSI/kull sewwieq/fis-sena = tnedija tal-proċedura nazzjonali dwar ir-reputazzjoni tajba

3. L-għadd ta' ksur għal kull sewwieq fis-sena huwa ċ-ċifra medja kkalkulata permezz tad-diviżjoni tal-għadd totali tal-ksur kollha tal-istess grad ta' serjetà (Ksur Serju jew Ksur Serju Ħafna) bl-għadd medju ta' sewwieqa impjegati matul is-sena. Il-formula tal-frekwenza jistipula limitu massimu għall-okkorrenza tal-ksur serju li lil hinn minnu dawn għandhom jitqiesu bħala aktar serji. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu limiti iktar stretti jekk dawn huma previsti fil-proċedura amministrattiva nazzjonali tagħhom għall-valutazzjoni ta' reputazzjoni tajba.

*ANNESS III*

L-Anness III tad-Direttiva 2006/22/KE jinbidel b'dan li ġej:

*"ANNESS III*

1. **Gruppi ta' ksur tar-Regolament (KE) Nru 561/2006**

| Nru | BAŻI ĠURIDIKA | TIPI TA' KSUR | | GRAD TA' SERJETÀ [1] | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | KAS | KSĦ | KS | KM |
| **A** | **Ekwipaġġ** | | | | | | |
| A1 | Art. 5.1 | Ma jitħarsux l-etajiet minimi tal-kundutturi | | | | X | |
| **B** | **Perjodi ta' sewqan** | | | | | | |
| B1 | Art. 6.1 | Aktar minn disa' (9) sigħat ta' sewqan kuljum meta mhux permessal-possibbiltà tal-estensjoni għal limitu ta' 10 sigħat | 9s < … < 10s | | | | X |
| B2 | | | 10s ≤ … < 11s | | | X | |
| B3 | | | 11s ≤ … | | X | | |
| B4 | | Aktar minn disa' (9) sigħat ta' sewqan kuljum b'50 % jew iżjed mingħajr brejk jew mingħajr mistrieħ ta' mill-inqas 4,5 sigħat | 13s30 ≤ … u l-ebda brejk/serħan | X | | | |
| B5 | | Jinqabeż il-ħin estiż ta' sewqan kuljum ta' 10 sigħat meta l-estensjoni hija permessa | 10s < … < 11s | | | | X |
| B6 | | | 11s ≤ … < 12s | | | X | |
| B7 | | | 12s ≤ … X | | X | | |
| B8 | | Aktar minn 10 sigħat ta' sewqan kuljum b'50 % jew iżjed mingħajr brejk jew mingħajr mistrieħ ta' mill-inqas 4,5 sigħat | 15s ≤ … u l-ebda brejk/serħan | X | | | |
| B9 | Art. 6.2 | Jinqabeż il-ħin ta' sewqan permess fil-ġimgħa | 56s < … < 60s | | | | X |
| B10 | | | 60s ≤ … < 65s | | | X | |
| B11 | | | 65s ≤ … < 70s | | X | | |
| B12 | | Jinqabeż il-ħin ta' sewqan permess fil-ġimgħa b'25 % jew aktar | 70s ≤ … | X | | | |
| B13 | Art. 6.3 | Jinqabeż il-ħin ta' sewqan massimu totali f'ġimgħatejn (2) konsekuttivi | 90s < … < 100s | | | | X |
| B14 | | | 100s ≤ … < 105s | | | X | |
| B15 | | | 100s ≤ … < 112s30 | | X | | |
| B16 | | Jinqabeż il-ħin ta' sewqan massimu totali f'ġimgħatejn (2) konsekuttivi b'25 % jew aktar | 112s30 ≤ … | X | | | |

| Nru | BAŻI ĠURIDIKA | TIPI TA' KSUR | | GRAD TA' SERJETÀ (1) | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | KAS | KSĦ | KS | KM |
| **C** | **Brejks** | | | | | | |
| C1 | Art. 7 | Jinqabeż il-ħin ta' sewqan mhux interrott ta' 4,5 sigħat qabel il-brejk | 4s30 < … < 5s | | | | X |
| C2 | | | 5s ≤ … < 6s | | | X | |
| C3 | | | 6s ≤ … | | X | | |
| **D** | **Perjodi ta' Serħan** | | | | | | |
| D1 | Art. 8.2 | Perjodu insuffiċjenti ta' serħan ta' inqas minn 11-il siegħa meta mhux permess perjodu mnaqqas ta' serħan ta' kuljum | 10s ≤ … < 11s | | | | X |
| D2 | | | 8s30 ≤ … < 10s | | | X | |
| D3 | | | … < 8s30 | | X | | |
| D4 | | Perjodu mnaqqas ta' serħan ta' kuljum insuffiċjenti ta' inqas minn disa' (9) sigħat meta t-tnaqqis huwa permess | 8s ≤ … < 9s | | | | X |
| D5 | | | 7s ≤ … < 8s | | | X | |
| D6 | | | … < 7s | | X | | |
| D7 | | Perjodu maqsum insuffiċjenti ta' serħan ta' kuljum ta' inqas minn 3s + 9s | 3s + [8s ≤ … < 9s] | | | | X |
| D8 | | | 3s + [7s ≤ … < 8s] | | | X | |
| D9 | | | 3s +[ … < 7s] | | X | | |
| D10 | Art. 8.5 | Perjodu insuffiċjenti ta' serħan ta' kuljum ta' inqas minn disa' (9) sigħat għal vettura b'aktar minn sewwieq wieħed | 8s ≤ … < 9s | | | | X |
| D11 | | | 7s ≤ … < 8s | | | X | |
| D12 | | | … < 7s | | X | | |
| D13 | Art. 8.6 | Perjodu mnaqqas insuffiċjenti ta' serħan fil-ġimgħa ta' inqas minn 24 siegħa | 22s ≤ … < 24s | | | | X |
| D14 | | | 20s ≤ … < 22s | | | X | |
| D15 | | | … < 20s | | X | | |
| D16 | | Perjodu insuffiċjenti ta' serħan fil-ġimgħa ta' inqas minn 45 siegħa meta mhux permess perjodu mnaqqas ta' serħan fil-ġimgħa | 42s ≤ … < 45s | | | | X |
| D17 | | | 36s ≤ … < 42s | | | X | |
| D18 | | | … < 36s | | X | | |
| D19 | Art. 8.6 | Aktar minn 6 perjodi konsekuttivi ta' 24 siegħa wara l-perjodu preċedenti ta' serħan fil-ġimgħa | … < 3s | | | | X |
| D20 | | | 3s ≤ … < 12s | | | X | |
| D21 | | | 12s ≤ … | | X | | |

| Nru | BAŻI ĠURIDIKA | TIPI TA' KSUR | | GRAD TA' SERJETÀ [1] | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | KAS | KSĦ | KS | KM |
| **E** | **Deroga mir-regola ta' 12-il jum** | | | | | | |
| E1 | Art. 8.6a | Aktar minn 12-il perjodu konsekuttivi ta' 24 siegħa wara l-perjodu preċedenti ta' serħan fil-ġimgħa | … < 3s | | | | X |
| E2 | | | 3s ≤ … < 12s | | | X | |
| E3 | | | 12s ≤ … X | | X | | |
| E4 | Art. 8.6a (b)(ii) | Perjodu ta' serħan fil-ġimgħa jittieħed wara 12-il perjodu konsekuttivi ta' 24 siegħa | 65s < … ≤ 67s | | | X | |
| E5 | | | … ≤ 65s | | X | | |
| E6 | Art. 8.6a (d) | Perjodu ta' sewqan, bejn il-22.00 u s-6.00, ta' aktar minn tliet sigħat qabel il-brejk, jekk il-vettura ma jkollhiex aktar minn sewwieq wieħed | 3s < … < 4,5s | | | X | |
| E7 | | | 4,5s ≤ … | | X | | |
| **F** | **Organizzazzjoni tax-xogħol X29.** | | | | | | |
| F1 | Art. 10.1 | Relazzjoni bejn il-paga u d-distanza misjuqa jew l-ammont ta' oġġetti trasportati | | | X | | |
| F2 | Art. 10.2 | L-ebda organizzazzjoni jew l-organizzazzjoni mhux xierqa tax-xogħol tal-kunduttur, l-ebda struzzjoni jew struzzjonijiet mhux xierqa mogħtija lill-kunduttur li jippermettulu li jikkonforma mal-liġi | | | X | | |

(1) KAS = Ksur l-Aktar Serju/KSĦ = Ksur Serju Ħafna/KS = Ksur Serju/KM = Ksur Minuri

2. **Gruppi ta' ksur tar-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Prlament Ewropew utal-Kunsill** [1] **(Takografu)**

| Nru | BAŻI ĠURIDIKA | TIPI TA' KSUR | GRAD TA' SERJETÀ | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | KAS | KSĦ | KS | KM |
| **G** | **Installazzjoni ta' takografu** | | | | | |
| G1 | Artikoli 3.1 u 22.2 | Ma jkunx installat u użat takografu tat-tip approvat (*pereżempju: it-takografu ma jkunx installat minn fitters, workshops jew manifatturi tal-vetturi li huma approvati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, l-użu ta' takografu mingħajr is-siġilli neċessarji mqiegħda jew sostitwiti minn fitter, minn workshop jew minn manifattur tal-vetturi li huma approvati jew l-użu ta' takografu mingħajr il-pjanċa tal-installazzjoni*) | X | | | |
| **H** | **Użu tat-tagħmir ta' reġistrazzjoni, tal-karta tas-sewwieq jew tal-folja ta' reġistrazzjoni** | | | | | |
| H1 | Art. 23.1 | L-użu ta' takografu mhux spezzjonat minn kumpanija approvata | | X | | |

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar takografi fit-trasport bit-triq, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 1).

| Nru | BAŻI ĠURIDIKA | TIPI TA' KSUR | GRAD TA' SERJETÀ | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | KAS | KSĦ | KS | KM |
| H2 | Art. 27 | Is-sewwieq għandu fil-pussess tiegħu u/jew juża aktar minn karta tas-sewwieq waħda li hija tiegħu u li hija valida | | X | | |
| H3 | | Sewqan b'karta tas-sewwieq falsifikata (*meqjus bħala sewqan mingħar karta tas-sewwieq)* | X | | | |
| H4 | | Sewqan b'karta tas-sewwieq li tagħha s-sewwieq mhuwiex id-detentur (*meqjus bħala sewqan mingħar karta tas-sewwieq)* | X | | | |
| H5 | | Sewqan b'karta tas-sewwieq li ġiet akkwistata abbażi ta' dikjarazzjonijiet foloz u/jew ta' dokumenti ffalsifikati (*meqjus bħala sewqan mingħar karta tas-sewwieq)* | X | | | |
| H6 | Art. 32.1 | Takografu ma jiffunzjonax tajjeb (*pereżempju: it-takografu ma jkunx spezzjonat, ikkalibrat u ssiġillat b'mod tajjeb*) | | X | | |
| H7 | Artikoli 32.1 u 33.1 | Takografu użat b'mod ħażin (*pereżempju: l-użu ħażin b'mod intenzjonat, volontarju jew imponut, nuqqas ta' struzzjonijiet dwar l-użu korrett eċċ.*) | | X | | |
| H8 | Art. 32.3 | L-użu ta' tagħmir ta' falsifikazzjoni li jkun kapaċi jimmodifika r-reġistrazzjonijiet tat-takografu | X | | | |
| H9 | | Falsifikazzjoni, ħabi, suppressjoni jew qerda tad-dejta rreġistrata fuq il-folji tar-reġistrazzjoni jew tad-dejta maħżuna u ddawnlowdjata mit-takografu u/jew mill-karta tas-sewwieq | X | | | |
| H10 | Art. 33.2 | L-impriża ma żżommx folji tar-reġistrazzjoni, karti stampati u dejta li titniżżel | | X | | |
| H11 | | Id-dejta rreġistrata jew maħżuna mhix disponibbli għal mill-inqas sena | | X | | |
| H12 | Art. 34.1 | Il-folji ta' reġistrazzjoni/il-karta tas-sewwieq jintużaw ħażin | | X | | |
| H13 | | Irtirar mhux awtorizzat tal-folji jew tal-karta tas-sewwieq li jħalli impatt fuq ir-reġistrazzjoni tad-dejta rilevanti | | X | | |
| H14 | | Tintuża folja ta' reġistrazzjoni jew karta tas-sewwieq biex tkopri perjodu itwal minn dak intenzjonat u tintilef xi dejta | | X | | |
| H15 | Art. 34.2 | Jintużaw folji ta' reġistrazzjoni jew karti tas-sewwieqa maħmuġin jew danneġġati u d-dejta mhijiex leġibbli | | X | | |
| H16 | Art. 34.3 | Ma jsirx input manwali, meta dan ikun meħtieġ | | X | | |
| H17 | Art. 34.4 | Ma tintużax il-folja korretta jew il-karta tas-sewwieq tkun fi slott ħażin (aktar minn sewwieq wieħed) | | | X | |
| H18 | Art. 34.5 | Il-mekkaniżmu ta' kommutazzjoni jintuża ħażin | | X | | |

| Nru | BAŻI ĠURIDIKA | TIPI TA' KSUR | GRAD TA' SERJETÀ | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | KAS | KSĦ | KS | KM |
| **I** | **Preżentazzjoni tal-informazzjoni** | | | | | |
| I1 | Art. 36 | Rifjut li ssir verifika | | X | | |
| I2 | Art. 36 | Preżentazzjoni mhux possibbli tar-reġistrazzjonijiet ta' dik il-ġurnata u tat-28 jum preċedenti | | X | | |
| I3 | | Preżentazzjoni mhux possibbli tar-reġistrazzjonijiet tal-karta tas-sewwieq, jekk is-sewwieq ikollu waħda | | X | | |
| I4 | Art. 36 | Preżentazzjoni mhux possibbli tar-reġistrazzjonijiet manwali u tal-karti stampati li saru matul dik il-ġurnata u matul it-28 jum preċedenti | | X | | |
| I5 | Art. 36 | Preżentazzjoni mhux possibbli tal-karta tas-sewwieq, jekk is-sewwieq ikollu waħda | | X | | |
| **J** | **Funzjonament ħażin** | | | | | |
| J1 | Artikoli 37.1 u 22.1 | Takografu mhux imsewwi minn fitter jew minn workshop li huma approvati | | X | | |
| J2 | Art. 37.2 | Is-sewwieq ma jniżżilx l-informazzjoni kollha meħtieġa għal dawk il-perjodi ta' ħin li matulhom ma sarux reġistrazzjonijiet meta t-takografu ma jkunx jista' jissewwa jew ikun qed jaħdem ħażin | | X" | | |

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/404

## tal-18 ta' Marzu 2016

## li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-18 ta' Marzu 2016.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | IL | 171,7 |
| | MA | 92,1 |
| | TN | 107,9 |
| | TR | 107,6 |
| | ZZ | 119,8 |
| 0707 00 05 | MA | 83,0 |
| | TR | 143,5 |
| | ZZ | 113,3 |
| 0709 93 10 | MA | 58,5 |
| | TR | 160,0 |
| | ZZ | 109,3 |
| 0805 10 20 | EG | 45,8 |
| | IL | 77,4 |
| | MA | 53,7 |
| | TN | 67,6 |
| | TR | 65,5 |
| | ZZ | 62,0 |
| 0805 50 10 | MA | 141,2 |
| | TR | 96,8 |
| | ZZ | 119,0 |
| 0808 10 80 | BR | 75,2 |
| | US | 145,5 |
| | ZZ | 110,4 |
| 0808 30 90 | AR | 99,6 |
| | CL | 151,6 |
| | CN | 72,0 |
| | TR | 153,6 |
| | ZA | 106,7 |
| | ZZ | 116,7 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/405

## tat-18 ta' Marzu 2016

## li jiddetermina l-kwantitajiet li għandhom jiżdiedu mal-kwantità ffissata għas-subperjodu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru 2016 fil-qafas tal-kwoti tariffarji miftuħa bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2077 għall-bajd, il-prodotti tal-bajd u l-albumina li joriġinaw mill-Ukrajna

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 188(2) u (3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2077 [2] fetaħ kwoti tariffarji għall-importazzjoni ta' prodotti tas-settur tal-bajd u tal-albumina li joriġinaw mill-Ukrajna.

(2) Il-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet tal-liċenzji ta' importazzjoni mressqa mill-1 sas-7 ta' Marzu 2016 għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2016 huma anqas mill-kwantitajiet disponibbli. Jixraq, għalhekk, li jiġu ddeterminati l-kwantitajiet li għalihom ma tressqux applikazzjonijiet, u li dawn jiżdiedu mal-kwantità ffissata għas-subperjodu tal-kwota li jmiss.

(3) Sabiex tiġi ggarantita l-effikaċja tal-miżura, jixraq li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,*

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-kwantitajiet li għalihom ma tressqux applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2077, li għandhom jiżdiedu mas-subperjodu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru 2016, jidhru fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Marzu 2016.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

[1] ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

[2] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2077 tat-18 ta' Novembru 2015 li jiftaħ u fih previst l-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji tal-Unjoni fuq l-importazzjoni ta' bajd, prodotti tal-bajd u albumina li joriġinaw fl-Ukrajna (ĠU L 302, 19.11.2015, p. 57).

*ANNESS*

| Numru tal-ordni | Kwantitajiet mhux mitluba li għandhom jiżdiedu mal-kwantitajiet disponibbli għas-subperjodu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru 2016<br>(f'piż ekwivalenti għall-bajd bil-qoxra f'kg) |
|---|---|
| 09.4275 | 750 000 |
| 09.4276 | 1 500 000 |

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/406

**tat-18 ta' Marzu 2016**

**li jiddetermina l-kwantitajiet li għandhom jiżdiedu mal-kwantità stabbilita għas-subperjodu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru 2016 fil-qafas tal-kwoti tariffarji miftuħa bir-Regolament (KE) Nru 1384/2007 għal-laħam tat-tjur li joriġina fl-Iżrael**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 188(2) u (3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1384/2007 ([2]) fetaħ il-kwoti tariffarji annwali għall-importazzjoni ta' prodotti tas-settur tal-laħam tat-tjur li joriġinaw fl-Iżrael.

(2) Il-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet tal-liċenzji ta' importazzjoni mressqa mill-1 sas-7 ta' Marzu 2016 għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2016 huma inqas mill-kwantitajiet disponibbli. Għalhekk, jeħtieġ li jiġu ddeterminati l-kwantitajiet li għalihom ma tressqux applikazzjonijiet, biex dawn jiżdiedu mal-kwantità stipulata għas-subperjodu tal-kwota li jmiss.

(3) Sabiex tiġi żgurata l-ġestjoni effiċjenti tal-miżura, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-kwantitajiet li għalihom ma tressqux l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1384/2007, li għandhom jiżdiedu għas-subperjodu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru 2016, jidhru fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Marzu 2016.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1384/2007 tas- 26 ta' Novembru 2007 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2398/96 rigward il-ftuħ u l-ġestjoni ta' ċerti kwoti li jirrigwardaw l-importazzjoni fil-Komunità ta' prodotti tas-settur tal-laħam tat-tjur li joriġinaw fl-Iżrael (ĠU L 309, 27.11.2007, p. 40).

*ANNESS*

| Numru tal-ordni | Kwantitajiet mhux mitluba li għandhom jiżdiedu mal-kwantitajiet disponibbli għas-subperjodu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru 2016 (f'kg) |
|---|---|
| 09.4091 | 280 000 |
| 09.4092 | 1 800 000 |

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI (UE) 2016/407 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tad-9 ta' Marzu 2016**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (applikazzjoni mill-Belġju EGF/2015/007 — BE/Hainaut-Namur Glass)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 15(4) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba ([2]), u b'mod partikolari Punt 13 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) għandu l-għan li jipprovdi appoġġ lill-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja u lill-persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun intemmet b'riżultat ta' bidliet strutturali kbar fl-andament tal-kummerċ dinji minħabba l-globalizzazzjoni, b'riżultat ta' kontinwazzjoni tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali, jew b'riżultat ta' kriżi ekonomika u finanzjarja globali ġdida, u li jgħinhom fl-integrazzjoni mill-ġdid tagħhom fis-suq tax-xogħol.

(2) Il-FEG ma għandux jaqbeż l-ammont massimu annwali ta' EUR 150 miljun (prezzijiet tal-2011), kif stabbilit fl-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 ([3]).

(3) Fid-19 ta' Awwissu 2015, il-Belġju ppreżenta applikazzjoni biex jiġi mobilizzat il-FEG fir-rigward ta' sensji u l-waqfien ta' attivitajiet fis-settur ekonomiku klassifikati taħt NACE Reviżjoni 2 Diviżjoni 23 (Manifattura ta' prodotti minerali oħra li mhumiex metalliċi) fir-reġjuni tal-livell NUTS 2 ta' Hainaut (B32) u Namur (B35) fil-Belġju. Din kienet supplimentata b'informazzjoni addizzjonali provduta f'konformità mal-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013. Din l-applikazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti għad-determinazzjoni ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG kif stipulat fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013.

(4) F'konformità mal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013, il-Belġju ddeċieda li jipprovdi wkoll servizzi personalizzati kkofinanzjati mill-FEG lil 100 żagħżugħ u żagħżugħa li huma barra mill-edukazzjoni, l-impjieg jew it-taħriġ (NEETs).

(5) F'konformità mal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013, l-applikazzjoni mill-Belġju titqies ammissibbli peress li s-sensji għandhom impatt serju fuq l-impjiegi u l-ekonomija lokali, reġjonali u nazzjonali.

(6) Għaldaqstant, il-FEG għandu jiġi mobilizzat sabiex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 1 095 544 għall-applikazzjoni ppreżentata mill-Belġju.

(7) Sabiex jitnaqqas iż-żmien meħud biex jiġi mobilizzat il-FEG, din id-Deċiżjoni għandha tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha,

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855.
([2]) ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.
([3]) Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884)

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2016, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għandu jiġi mobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 1 095 544 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għandha tapplika mid-9 ta' Marzu 2016.

Magħmul fi Strasburgu, id-9 ta' Marzu 2016.

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*
M. SCHULZ

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J.A. HENNIS-PLASSCHAERT

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/408

## tal-10 ta' Marzu 2016

## dwar is-sospensjoni temporanja tar-rilokazzjoni ta' 30 % tal-applikanti allokati lill-Awstrija skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1601 li tistabbilixxi miżuri proviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u l-Greċja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1601 tat-22 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi miżuri proviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u l-Greċja [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 4(5) u 4(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Abbażi tal-Artikolu 78(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Kunsill adotta żewġ Deċiżjonijiet li jistabbilixxu miżuri proviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u tal-Greċja. Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1523 [2], 40 000 applikant għall-protezzjoni internazzjonali għandhom jiġu rilokati mill-Italja u mill-Greċja lill-Istati Membri l-oħra. Skont id-Deċiżjoni (UE) 2015/1601, 120 000 applikant għall-protezzjoni internazzjonali għandhom jiġu rilokati mill-Italja u mill-Greċja lill-Istati Membri l-oħra.

(2) Id-Deċiżjoni (UE) 2015/1601 ġiet adottata minħabba sitwazzjoni ta' emerġenza kkaratterizzata minn dħul f'daqqa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-Italja u l-Greċja u minħabba ħtieġa urġenti li dawn l-Istati Membri jiġu pprovduti b'riljiev rapidu, skont il-prinċipju ta' solidarjetà u qsim ġust ta' responsabbiltà bejn l-Istati Membri. Minn dan isegwi li kull Stat Membru ta' rilokazzjoni għandu jiżgura li r-rilokazzjoni ssir regolarment, mingħajr dewmien u f'livell adegwat.

(3) L-Artikolu 4(5) tad-Deċiżjoni (UE) 2015/1601 tipprevedi li, Stat Membru jista', f'ċirkostanzi eċċezzjonali, sas-26 ta' Diċembru 2015, jinnotifika lill-Kunsill u lill-Kummissjoni li temporanjament ma jkunx jista' jieħu sehem fil-proċess tar-rilokazzjoni sa 30 % tal-applikanti allokati lilu skont il-paragrafu 1 ta' din id-Deiċiżjoni, filwaqt li jagħti raġunijiet debitament ġustifikati kompatibbli mal-valuri fundamentali tal-Unjoni stipulati fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). Il-Kummissjoni għandha tevalwa r-raġunijiet mogħtija u tippreżenta proposti lill-Kunsill rigward sospensjoni temporanja tar-rilokazzjoni sa 30 % tal-applikanti allokati lill-Istat Membru kkonċernat skont l-Artikolu 4(1) ta' dik id-Deċiżjoni. Fejn ikun ġustifikat, il-Kummissjoni tista' tipproponi li testendi l-limitu ta' żmien għar-rilokazzjoni tal-applikanti fl-allokazzjoni li jibqa' għal massimu ta' 12-il xahar wara d-data msemmija fl-Artikolu 13(2) ta' dik id-Deċiżjoni.

(4) L-Awstrija qiegħda taffaċċja ċirkostanzi eċċezzjonali, b'sitwazzjoni ta' emerġenza kkaratterizzata minn dħul f'daqqa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fit-territorju tagħha.

(5) Iż-żieda konsiderevoli ta' qsim mhux awtorizzat fil-fruntieri tal-Unjoni u ta' movimenti sekondarji madwar l-Unjoni wasslet għal żieda qawwija fl-Awstrija fl-għadd ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali.

(6) Iċ-ċifri tal-Eurostat jikkonfermaw li kien hemm żieda qawwija fl-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali fl-Awstrija. L-għadd ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali żdied b'aktar minn 230 % minn 23 835 applikant għall-perijodu mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Novembru 2014 għal 80 880 applikant għall-perijodu mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Novembru 2015, b'iktar minn 10 000 applikant għall-protezzjoni internazzjonali fix-xahar minn Settembru 2015. Minkejja li d-dejta tal-EASO turi tnaqqis fl-għadd ta' applikanti f'Diċembru 2015 u Jannar 2016 meta mqabbla max-xhur preċedenti, l-għadd ta' applikanti għadu għoli.

(7) Fl-2015, l-Awstrija, wara l-Isvezja, kellha t-tieni l-akbar għadd ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali per capita fl-Unjoni (9 421 applikant għal kull miljun abitant, skont dejta disponibbli tal-Eurostat).

(8) Is-sitwazzjoni attwali poġġiet pressjoni sinifikanti fuq is-sistema tal-ażil tal-Awstrija, b'konsegwenzi prattiċi serji fil-post fir-rigward tal-kondizzjonijiet ta' akkoljenza u tal-kapaċità tas-sistema tal-ażil li tittratta l-applikazzjonijiet.

[1] ĠU L 248, 24.9.2015, p. 80.

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1523 tal-14 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi miżuri proviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u tal-Greċja, ĠU L 239, 15.9.2015, p. 146.

(9) Il-qagħda migratorja attwali fl-Awstrija u l-pressjoni fuq il-kapaċità tagħha li tipproċessal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali u li tipprovdi kondizzjonijiet ta' akkoljenza adegwati lil persuni fi bżonn ċar ta' protezzjoni internazzjonali għalhekk jiġġustifikaw sospensjoni temporanja tar-rilokazzjoni ta' 30 % tal-applikanti allokati lill-Awstrija skont id-Deċiżjoni (UE) 2015/1601, li tikkorrispondi għal 1 065 applikant, għal perijodu ta' sena.

(10) Matul il-perijodu ta' sospensjoni temporanja, l-Awstrija tibqa' obbligata li tkompli tirriloka mingħajr dewmien u regolarment il-bqija tal-allokazzjoni ta' applikanti.

(11) Is-sospensjoni tar-rilokazzjoni ta' 30 % tal-applikanti għal sena tikkostitwixxi miżura suffiċjenti u proporzjonata b'reazzjoni għas-sitwazzjoni fl-Awstrija. Estensjoni tal-limitu ta' żmien għar-rilokazzjoni tal-applikanti fil-bqija tal-allokazzjoni wara d-data msemmija fl-Artikolu 13(2) tad-Deċiżjoni (UE) 2015/1601 ma tkunx ġustifikata. Huwa essenzjali li r-rilokazzjoni mill-Italja u l-Greċja sseħħ mingħajr dewmien u regolarment sas-26 ta' Settembru 2017, sabiex l-Italja u l-Greċja jiġu mgħejuna b'mod effettiv l-Italja u l-Greċja fir-rigward tas-sitwazzjoni ta' emerġenza li għaddejja bħalissa.

(12) Minħabba li l-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TUE. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.

(13) Din id-Deċiżjoni tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

(14) Ir-Renju Unit mhux qed jieħu sehem fid-Deċiżjoni (UE) 2015/1601. Għalhekk, ir-Renju Unit mhux qed jieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, u mhuwiex marbut biha jew soġġett għall-applikazzjoni tagħha.

(15) L-Irlanda hija marbuta bid-Deċiżjoni (UE) 2015/1601 u għalhekk qed tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni li timplimenta d-Deċijoni (UE) 2015/1601.

(16) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TUE u mat-TFUE, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(17) Fid-dawl tal-urġenza tas-sitwazzjoni, din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data ta' wara dik tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Ir-rilokazzjoni fl-Awstrija ta' 1 065 mill-applikanti allokati lil dak l-Istat Membru skont id-Deċiżjoni (UE) 2015/1601 għandha tiġi sospiża sal-11 ta' Marzu 2017.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Marzu 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

K.H.D.M. DIJKHOFF

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/409**

**tal-14 ta' Marzu 2016**

**li taħtar membru u membru supplenti, proposti mir-Renju ta' Spanja fil-Kumitat tar-Reġjuni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Spanjol,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Jannar 2015, fil-5 ta' Frar 2015 u fit-23 ta' Ġunju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet (UE) 2015/116 [1], (UE) 2015/190 [2] u (UE) 2015/994 [3] li jaħtru l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020.

(2) Konsegwentement għal tmiem il-mandat tas-Sinjura Luisa Fernanda RUDÍ ÚBEDA, sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(3) Konsegwentement għal tmiem il-mandat tas-Sur Roberto Pablo BERMÚDEZ DE CASTRO Y MUR, sar vakanti s-siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Huma b'dan maħturin fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2020:

(a) bħala membru:

— Sr. D. Francisco Javier LAMBÁN MONTAÑÉS, *Presidente de Aragón*,

u

(b) bħala membru supplenti:

— Sr. D. Vicente GUILLÉN IZQUIERDO, *Consejero de Presidencia del Gobierno de Aragón*.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Marzu 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M.H.P. VAN DAM

---

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/116 tas-26 ta' Jannar 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 20, 27.1.2015, p. 42).

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/190 tal-5 ta' Frar 2015 li taħtar il-membri u membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 31, 7.2.2015, p. 25).

[3] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/994 tat-23 ta' Ġunju 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 159, 25.6.2015, p. 70).

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/410

## tal-14 ta' Marzu 2016

## li taħtar membru supplenti, propost mir-Renju ta' Spanja fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Spanjol,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Jannar 2015, fil-5 ta' Frar 2015 u fit-23 ta' Ġunju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet (UE) 2015/116 ([1]), (UE) 2015/190 ([2]) u (UE) 2015/994 ([3]) li jaħtru l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020. Fil-5 ta' Ottubru 2015, permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1792 ([4]), is-Sur Juan Luís SÁNCHEZ DE MUNIÁIN LACASA ġie ssostitwit mis-Sinjura Ana OLLO HUALDE bħala membru supplenti.

(2) Konsegwentement għal tmiem il-mandat tas-Sinjura Ana OLLO HUALDE, sar vakanti s-siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Huwa b'dan maħtur membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2020:

— Sr. D. Mikel IRUJO AMEZAGA, *Delegado del Gobierno de Navarra en Bruselas.*

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Marzu 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M.H.P. VAN DAM

---

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/116 tas-26 ta' Jannar 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 20, 27.1.2015, p. 42).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/190 tal-5 ta' Frar 2015 li taħtar il-membri u membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 31, 7.2.2015, p. 25).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/994 tat-23 ta' Ġunju 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 159, 25.6.2015, p. 70).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1792 tal-5 ta' Ottubru 2015 li taħtar ħames membri Spanjoli u ħames membri supplenti Spanjoli fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 260, 7.10.2015, p. 28)

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2016/411

## tat-18 ta' Marzu 2016

## li temenda d-Deċiżjoni 2011/172/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-21 ta' Marzu 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/172/PESK ([1]) dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu.

(2) Abbażi ta' analiżi tad-Deċiżjoni 2011/172/PESK, il-miżuri restrittivi għandhom jiġġeddu sat-22 ta' Marzu 2017.

(3) Id-Deċiżjoni 2011/172/PESK għandha għalhekk tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 2011/172/PESK, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sat-22 ta' Marzu 2017."

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Marzu 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A.G. KOENDERS

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/172/PESK tal-21 ta' Marzu 2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu (ĠU L 76, 22.3.2011, p. 63).

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/412**

**tas-17 ta' Marzu 2016**

**li tawtorizza lill-Istati Membri jipprevedu deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE f'dak li għandu x'jaqsam mal-injam tal-fraxxnu li joriġina fil-Kanada jew li huwa pproċessat hemmhekk**

*(notifikata bid-dokument C(2016) 1635)*

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità ([1]), u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 15(1) tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2000/29/KE flimkien mal-punt 2.3 tat-Taqsima I tal-Parti A tal-Anness IV ta' dik id-Direttiva, jipprevedi rekwiżiti speċjali fir-rigward tal-introduzzjoni fl-Unjoni ta' injam tal-fraxxnu (*Fraxinus* L.) li joriġina fil-Kanada.

(2) Il-Kanada talbet li tiġi rikonoxxuta taħlita ta' proċeduri li flimkien jilħqu ċertezza fitosanitarja ekwivalenti għal dik żgurata mill-punt 2.3 tat-Taqsima I tal-Parti A tal-Anness IV tad-Direttiva 2000/29/KE.

(3) Skont l-informazzjoni uffiċjali ppreżentata mill-Kanada jidher li, permezz ta' approċċ ta' sistemi integrati applikat matul l-ipproċessar tal-injam ir-riskju ta' infestazzjoni mill-organiżmu *Agrilus planipennis* Fairmaire huwa eliminat.

(4) Dak l-approċċ għandu jkun ikkumplimentat minn ċerti rekwiżiti għall-faċilitajiet, għall-ispezzjonijiet ta' qabel l-esportazzjoni u għat-tikkettar biex ikun żgurat li t-tali riskju jiġi eliminat.

(5) Għalhekk dawk il-proċeduri għandhom jiġu rikonoxxuti bħala għażla alternattiva għall-punt 2.3 tat-Taqsima I tal-Parti A tal-Anness IV tad-Direttiva 2000/29/KE għall-importazzjonijiet mill-Kanada.

(6) Sabiex il-kontrolli żgur ikunu effettivi, u biex ikun hemm ukoll ħarsa ġenerali lejn l-importazzjonijiet tal-injam tal-fraxxnu u lejn il-każijiet ta' nuqqas ta' konformità relatati ma' dawk l-importazzjonijiet, għandhom jiġu stabbiliti rekwiżiti dwar iċ-ċertifikati fitosanitarji, ir-rappurtar dwar l-importazzjoni u n-notifikar ta' każijiet ta' nuqqas ta' konformità.

(7) Filwaqt li titqies il-firxa tal-organiżmu ta' ħsara *Agrilus planipennis* Fairmaire fl-Amerka ta' Fuq, huwa xieraq li jiġi limitat it-tul ta' żmien tad-deroga sal-31 ta' Diċembru 2017.

(8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**L-awtorizzazzjoni biex tingħata d-deroga**

B'deroga mill-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2000/29/KE flimkien mal-punt 2.3 tat-Taqsima I tal-Parti A tal-Anness IV ta' dik id-Direttiva, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-introduzzjoni fit-territorju tagħhom ta' injam tal-fraxxnu (*Fraxinus* L.) li joriġina fil-Kanada jew li huwa pproċessat hemmhekk (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "l-injam speċifikat") li, qabel ma jitlaq 'il barra mill-Kanada, jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1.

*Artikolu 2*

**Iċ-ċertifikat fitosanitarju**

1. L-injam speċifikat għandu jkollu miegħu ċertifikat fitosanitarju maħruġ fil-Kanada, skont l-Artikolu 13a(3) u (4) tad-Direttiva 2000/29/KE, li jiċċertifika li, wara spezzjoni, l-injam instab li huwa ħieles għal kollox minn organiżmi ta' ħsara.

2. Taħt l-intestatura "Dikjarazzjoni addizzjonali", iċ-ċertifikat fitosanitarju għandu jinkludi l-elementi li ġejjin:

(a) id-dikjarazzjoni "Skont ir-rekwiżiti tal-Unjoni Ewropea stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/412";

(b) in-numru tal-lott/ijiet;

(c) l-isem tal-faċilità/ajiet approvata/i fil-Kanada.

*Artikolu 3*

**Ir-rappurtar dwar l-importazzjoni**

Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru ta' kull sena, l-Istat Membru tal-importazzjoni għandu jagħti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra, l-informazzjoni dwar l-ammonti tal-konsenji tal-injam speċifikat importati matul it-12-il xahar ta' qabel skont din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 4*

**In-notifika ta' nuqqas ta' konformità**

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra dwar kull konsenja li ma tikkonformax ma' din id-Deċiżjoni. Dik in-notifika għandha tintbagħat mhux aktar tard minn tlett ijiem tax-xogħol wara d-data li fiha tkun ġiet interċettata konsenja ta' dan it-tip.

*Artikolu 5*

**Id-data ta' skadenza**

Din id-Deċiżjoni tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2017.

*Artikolu 6*

**Id-destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Marzu 2016.

*Għall-Kummissjoni*

Vytenis ANDRIUKAITIS

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

1. **Ir-rekwiżiti tal-ipproċessar**

L-ipproċessar tal-injam speċifikat, kif imsemmi fl-Artikolu 1, għandu jissodisfa r-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) *It-tqaxxir*

L-injam speċifikat jitqaxxar, bl-eċċezzjoni ta' għadd ta' biċċiet tal-qoxra żgħar li jidhru b'mod separat, li huma distinti b'mod ċar u li jikkonformaw ma' wieħed mir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) għandhom wisa' ta' anqas minn 3 cm (irrispettivament mit-tul tagħhom) jew

(b) jekk huma wesgħin aktar minn 3 cm, l-erja totali tas-superfiċje ta' kull biċċa qoxra individwali hija ta' anqas minn 50 $cm^2$.

(b) *L-issegar*

L-injam issegat speċifikat huwa prodott minn injam tond bla qoxra.

(c) *It-trattament bis-sħana*

L-injam speċifikat irid jissaħħan skont it-tip tal-injam għal mill-anqas 71 °C għal 1 200 minuta f'kamra tat-tisħin approvata mill-Aġenzija ta' Spezzjoni Alimentari Kanadiża (CFIA) jew minn aġenzija approvata minnha.

(d) *It-tnixxif*

L-injam speċifikat jitnixxef skont skedi ta' tnixxif industrijali li jieħdu mill-inqas ġimagħtejn u li huma rikonoxxuti mis-CFIA.

Il-kontenut ta' umdità finali fl-injam ma għandux jaqbeż l-10 %, espress bħala perċentwal tal-materja niexfa.

2. **Ir-rekwiżiti għall-faċilitajiet**

L-injam speċifikat irid jiġi prodott, imqandel jew maħżun f'faċilità li tissodisfa r-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) il-faċilità hija uffiċjalment approvata mis-CFIA skont il-programm taċ-ċertifikazzjoni tagħha dwar l-organiżmu ta' ħsara *Agrilus planipennis* Fairmaire;

(b) il-faċilità hija rreġistrata f'bażi tad-dejta ppubblikata fuq is-sit web tas-CFIA;

(c) il-faċilità jsirilha awditjar mis-CFIA, jew minn aġenzija approvata minnha, mill-inqas darba fix-xahar u ġie konkluż li hija konformi mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness;

(d) il-faċilità tuża tagħmir għat-trattament tal-injam li ġie kkalibrat b'mod li huwa konsistenti mal-manwal tat-tħaddim tat-tagħmir;

(e) il-faċilità żżomm reġistru tal-proċeduri tagħha għal verifika mis-CFIA jew minn aġenzija approvata minnha, inkluż it-tul tat-trattament, it-temperaturi waqt it-trattament u l-kontenut ta' umdità finali għal kull lott speċifiku li jrid jiġi esportat.

3. **It-tikkettar**

Fuq kull lott tal-injam speċifikat għandhom jidhru b'mod ċar kemm in-numru tal-lott kif ukoll tikketta bil-kliem "HT-KD" jew "Trattament bis-sħana-Imnixxef fil-Kalkara". Din it-tikketta trid tinħareġ minn uffiċjal magħżul tal-faċilità approvata jew taħt is-superviżjoni tiegħu, wara li jiġi vverifikat li r-rekwiżiti tal-ipproċessar stabbiliti fil-punt 1 u r-rekwiżiti għall-faċilitajiet stabbiliti fil-punt 2 jkunu ġew issodisfati.

4. **L-ispezzjonijiet ta' qabel l-esportazzjoni**

L-injam speċifikat maħsub għall-Unjoni jrid jiġi spezzjonat mis-CFIA, jew minn aġenzija uffiċjalment approvata minnha, biex jiġi vverifikat li qabel l-esportazzjoni jkun għadda mill-proċeduri u mill-miżuri fitosanitarji kollha biex ikun jista' jiġi konkluż li huwa ħieles mill-organiżmu ta' ħsara *Agrilus planipennis* Fairmaire.

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/413**

**tat-18 ta' Marzu 2016**

**li tiddetermina l-lokalizzazzjoni tal-infrastruttura tas-sistema stabbilita skont il-programm Galileo u li tipprevedi l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw l-operat tiegħu u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/117/UE**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1285/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-implimentazzjoni u l-esplojtazzjoni tas-sistemi Ewropej tar-radjunavigazzjoni bis-satellita u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 876/2002 u r-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), u partikolarment l-Artikolu 12(3)(c) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 1285/2013 jipprevedi li l-Kummissjoni għandha r-responsabbiltà globali għall-programm Galileo u jagħtiha setgħat ta' implimentazzjoni biex tiddetermina l-lokalizzazzjoni tal-infrastruttura terrestri tas-sistema taħt dan il-programm filwaqt li tiżgura l-operat tiegħu. Din l-infrastruttura hija magħmula minn ċentri u stazzjonijiet terrestri.

(2) Il-Kummissjoni, permezz tad-Deċiżjoni 2012/117/UE ([2]), diġà stabbiliet il-biċċa l-kbira tal-lokalizzazzjoni tal-infrastruttura terrestri tas-sistema tal-programm Galileo.

(3) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/117/UE ittieħdet abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12(3) tar-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) li tħassret u ġiet sostitwita bir-Regolament (UE) Nru 1285/2013. Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-programm u jitqiesu r-restrizzjonijiet u l-ħtiġijiet ġodda li tfaċċaw permezz tal-evoluzzjoni tiegħu, jeħtieġ li terġa' tiġi ddeterminata l-lokalizzazzjoni tal-infrastruttura terrestri tas-sistema stabbilita mill-programm Galileo u jiġu previsti l-miżuri neċessarji għall-operat tiegħu. Ta' min jiftakar li l-għadd u l-post taċ-ċentri u l-istazzjonijiet imsemmija fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/117/UE għandhom iqisu l-limitazzjonijiet ġeografiċi u tekniċi għad-distribuzzjoni ottimali madwar id-dinja, il-preżenza possibbli ta' installazzjonijiet u ta' tagħmir eżistenti adattati għall-kompiti assenjati biex jintlaħqu l-ħtiġijiet ta' sigurtà ta' kull ċentru u stazzjon u l-eżiġenzi tas-sigurtà nazzjonali ta' kull Stat Membru.

(4) Madankollu huwa neċessarju li jitqiesu l-limitazzjonijiet u r-rekwiżiti l-ġodda li żviluppaw mal-evoluzzjoni tal-programm fir-rigward ta' ċerti aspetti relatati ma' ċentri u stazzjonijiet elenkati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/117/UE.

(5) Per eżempju, fir-rigward primarjament ta' dawn iċ-ċentri u biex ikun jista' jsir użu aħjar tas-sistema, kien meħtieġ li jitwaqqaf is-seba' ċentru, iċ-Ċentru ta' Appoġġ għal-Loġistika Integrata (minn hawn 'il quddiem "iċ-ċentru ILS") li għandu bħala funzjoni li jaħżen ċentralment l-apparat differenti u l-ispare parts tal-infrastruttura.

(6) L-għażla tal-post taċ-ċentru ILS saret bi proċedura ta' żewġ passi miftuħa u trasparenti. L-ewwel, il-Kummissjoni bagħtet sejħa għal espressjonijiet ta' interess lill-Istati Membri u minnhom intagħżlu l-applikazzjonijiet mill-Belġju u r-Repubblika Ċeka. Imbagħad, biex tiddeċiedi bejn iż-żewġ kandidati, iż-żewġ Stati Membri ġew mistiedna

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 1.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/117/UE tat-23 ta' Frar 2012 li tistabbilixxi lista tal-istadji tad-deċiżjonijiet ewlenin għall-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-programm Galileo f'dak li għandu x'jaqsam maċ-ċentri u l-istazzjonijiet terrestri li għandhom jitwaqqfu fil-qafas tal-fażijiet tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-programm (ĠU L 52, 24.2.2012, p. 28).

([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar implimentazzjoni ulterjuri tal-programmi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita (EGNOS u Galileo) (ĠU L 196, 24.7.2008, p. 1).

jissottomettu l-proposti tagħhom. Wara li evalwat dawn il-proposti skont il-kriterji tas-sikurezza, tar-riskju, tal-iskeda u tal-kost, permezz ta' kumitat magħmul minn rappreżentanti tal-Kummissjoni u tal-Aġenzija Spazjali Ewropea u l-Aġenzija tal-GNSS Ewropea, il-proposta tal-Belġju irriżultat bħala l-iktar waħda adegwata; l-arkitettura u d-disinn tal-bini fuq is-sit ta' Transinne huma tabilħaqq ottimatizzati bis-sħiħ biex jassiguraw il-loġistika tas-sistema stabbilita mill-programm Galileo. Iċ-ċentru għandu jitwaqqaf fl-2016 u jkun is-suġġett ta' ftehim mal-Belġju.

(7) Barra minn hekk, it-twaqqif taż-żewġ ċentri ta' kontroll (GC) ġie konkluż fl-2014 u dawn iċ-ċentri għandhom ikunu is-suġġett ta' ftehimiet mal-Ġermanja u l-Italja; dak taċ-ċentru tas-sigurtà tal-Galileo (GSMC) inbeda fl-2013 u kien is-suġġett ta' ftehimiet iffirmati fl-2013 ma' Franza u r-Renju Unit, iżda huwa mistenni li jitkompla fl-2017 u mhux fl-2015; dak taċ-ċentru ta' servizz GNSS (GSC) kien is-suġġett ta' ftehim iffirmat ma' Spanja fit-30 ta' Ġunju 2014 u mhux fl-2013; dak taċ-ċentru ta' servizz SAR sar bejn l-2012 u l-2014 u għandu jkun is-suġġett ta' kuntratt ta' qafas għal servizzi maċ-Ċentru Nazzjonali ta' Studji Spazjali (CNES) u mhux dak ta' ftehim ma' Franza; dak taċ-ċentru ta' referenza Galileo (GRC), li jinsab f'Noordwijk fin-Netherlands viċin tal-ESTEC iżda mhux l-istess ESTEC, mistenni li jseħħ bejn l-2015 u l-2017 u mhux bejn l-2013 u l-2016, u jkun is-suġġett ta' ftehim man-Netherlands fl-2016; dak taċ-ċentru tas-servizz SAR; dak taċ-ċentru tal-istazzjon tal-ittestjar tal-orbita f'Redu ma kienx is-suġġett tal-kuntratt mal-kumpannija Spaceopal.

(8) Fir-rigward tat-tieni stazzjon, it-twaqqif tal-istazzjonijiet tat-TTC fir-Réunion u f'Nouméa sar bejn l-2012 u l-2014, iżda dak l-istazzjon ta' Papeete f'Tahiti għandu jseħħ biss bejn l-2016 u l-2017. Barra minn hekk, jekk l-istazzjonijiet tal-GSS f'Kiruna, Jan Mayen, Açores, Kerguelen, Saint Pierre u Miquelon, Ascension u Malouines twaqqfu bejn l-2012 u l-2014, it-twaqqif tal-istazzjonijiet tal-GSS fil-Gżejjer Kanarji u l-Madejra għandu jiġi kkanċellat, dak tal-istazzjon GSS Wallis għandu jiġi differit għall-2016-2017 u dak, jekk ikun hemm, tal-istazzjonijiet GSS f'Tokjo, Terre Adélie u Diego għandu jibqa taħt kunsiderazzjoni, filwaqt li jitwaqqaf stazzjon GSS f'Redu.

(9) Finalment, jekk t-twaqqif tal-istazzjonijiet SAR sar kif kien previst u kien is-suġġett ta' ftehimiet u memorandum ta' ftehim, ta' min jikkjarifika li dawn l-istazzjonijiet huma ta' żewġ tipi: l-ewwel nett, l-istazzjonijiet imsejħa "Meolut" ("Medium Earth Orbit Local User terminal"), li jirċievu s-sinjali ta' periklu trasmessi mis-satelliti li jinsabu f'Makarios, Maspalomas u Svalbard; u tieni nett, l-istazzjonijiet li jikkonsistu minn tikketta ta' referenza SAR, li jagħtu sinjali ta' periklu ta' referenza biex jikkalibraw is-sistema u jkejlu r-rendiment tagħha u li jinsabu wkoll f'Makarios, Maspalomas u Svalbard, iżda wkoll f'Toulouse u Santa Maria fl-Azores.

(10) Barra minn hekk, billi din id-Deċiżjoni tissostitwixxi d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/117/UE, għandha titħassar id-deċiżjoni tal-aħħar. Għall-finijiet taċ-ċertezza ġuridika u ta' amministrazzjoni tajba, l-elementi inklużi fl-Anness għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/117/UE u l-elementi l-ġodda stabbiliti b'din id-Deċiżjoni huma kkonsolidati fl-Anness.

(11) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-kumitat stabbilit skont l-Artikolu 36(1) tar-Regolament (UE) Nru 1285/2013,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-lokalizzazzjoni tal-infrastruttura terrestri tas-sistema stabbilita mill-programm Galileo u l-miżuri meħtieġa għall-operat tiegħu huma mehmuża fl-Anness.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/117/UE hija mħassra.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Marzu 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

| Isem | Miżuri ta' lokalizzazzjoni u implimentazzjoni għall-iżgurar tal-operat |
|---|---|
| **Ċentri terrestri** | |
| Żewġ ċentri ta' kontroll Galileo (GCC) | Iż-żewġ ċentri ta' kontroll għandhom jitwaqqfu bejn l-2009 u l-2014 rispettivament f'Oberpfaffenhofen (il-Ġermanja) u Fucino (l-Italja). Għandhom ikunu s-suġġett ta' żewġ ftehimiet li jridu jiġu ffirmati rispettivament mal-Ġermanja u l-Italja. |
| Iċ-Ċentru ta' Monitoraġġ tas-Sigurtà Galileo (GSMC) | Iċ-ċentru tas-sigurtà Galileo, maqsum f'żewġ postijiet, se jitwaqqaf fi stadji fi Franza u fir-Renju Unit. It-twaqqif għandu jibda fl-2013 u għandu jkun tlesta sal-2017. Dan kien is-suġġett ta' ftehim iffirmat fl-2013 ma' Franza u r-Renju Unit |
| Iċ-ċentru tas-Servizzi GNSS (GSC) | Iċ-ċentru tas-servizzi GNSS qed jiġi żviluppat fi stadji f'Madrid (Spanja). It-twaqqif għandu jibda fl-2011 u għandu jkun tlesta sal-2016. Dan kien is-suġġett ta' ftehim iffirmat ma' Spanja fl-2014. |
| Iċ-Ċentru ta' Servizzi SAR | Iċ-ċentru ta' servizzi SAR twaqqaf f'Toulouse (Franza) bejn l-2012 u l-2014. Dan għandu jkun is-suġġett ta' kuntratt qafas tal-prestazzjoni tas-servizzi mas-*Centre National d'Etudes Spatiales* (CNES). |
| Iċ-Ċentru ta' Referenza Galileo (GRC) | Iċ-Ċentru ta' Referenza Galileo qed jiġi żviluppat fi stadji f'Noordwijk (in-Netherlands). It-twaqqif għandu jibda fl-2015 u għandu jkun tlesta sal-2017. Dan għandu jkun is-suġġett ta' ftehim li għandu jiġi ffirmat man-Netherlands fl-2016. |
| Iċ-Ċentru ILS | Iċ-Ċentru ta' Appoġġ għal-Loġistika Integrata (iċ-Ċentru ILS) għandu jitwaqqaf fi Transinne (il-Belġju) waqt is-sena 2016 u jkun is-suġġett ta' ftehim mal-Belġju. |
| Stazzjoni ta' testijiet fl-orbita | L-istazzjon tat-test fl-orbita twaqqaf fl-2010 f'Redu (il-Belġju). |

| | |
|---|---|
| **Stazzjonijiet terrestri rimoti** | |
| Stazzjonijiet TTC | Twaqqfu xi stazzjonijiet TTC, bejn l-2010 u l-2014, f'Kiruna (Suède), Kourou (Franza), Réunion (Franza), u Nouméa (il-Kaledonja Ġdida).<br>Għandu jitwaqqaf stazzjon tat-TTC f'Papeete (il-Polineżja Franċiża) bejn l-2016 u l-2017.<br>It-twaqqif ta' dawn l-istazzjonijiet TTC se jkun is-suġġett ta' kuntratti konklużi bejn l-Aġenzija Spazjali Ewropea u l-fornituri tas-servizz. |
| Stazzjonijiet GSS | Twaqqfu xi stazzjonijiet GSS, bejn l-2009 u l-2014, f'Açores (il-Portugall), Ascension, Fucino (l-Italja), Jan Mayen (in-Norveġja), Kerguelen, Kiruna (fl-Iżvezja), Kourou (Franza), Réunion (Franza), il-Gżejjer Falkland, Nouméa (il-Kaledonja Ġdida), Papeete (il-Polineżja Franċiża), Redu (il-Belġju), Saint Pierre et Miquelon, Svalbard (in-Norveġja), u Troll (in-Norveġja).<br>Għandu jitwaqqaf stazzjon tal-GSS f'Wallis bejn l-2016 u l-2017.<br>It-twaqqif ta' dawn l-istazzjonijiet GSS se jkun is-suġġett ta' kuntratti konklużi bejn l-Aġenzija Spazjali Ewropea u l-fornituri tas-servizz. |

| Isem | Miżuri ta' lokalizzazzjoni u implimentazzjoni għall-iżgurar tal-operat |
|---|---|
| Stazzjonijiet TTC | Twaqqfu xi stazzjonijiet ULS, bejn l-2009 u l-2014, f'Tahiti (il-Polineżja Franċiża), Kourou (Franza), Réunion (Franza), il-Kaledonja Ġdida, u Svalbard (in-Norveġja).<br>It-twaqqif ta' dawn l-istazzjonijiet ULS se jkun is-suġġett ta' kuntratti konklużi bejn l-Aġenzija Spazjali Ewropea u l-fornituri tas-servizz. |
| Stazzjonijiet SAR | Bejn l-2012 and 2013, twaqqfu stazzjonijiet SAR imsejħa "Meolut" f'Makarios (Ċipru), Maspalomas (Spanja) u Svalbard (in-Norveġja). Xi stazzjonijiet SAR b'sinjal ta' referenza SAR twaqqfu f'Makarios (Ċipru), Maspalomas (Spanja), Santa Maria (il-Portugall), Toulouse (Franza) u Svalbard (in-Norveġja).<br>It-twaqqif ta' dawn l-istazzjonijiet SAR kien is-suġġett ta' kuntratti konklużi bejn l-Aġenzija Spazjali Ewropea u l-fornituri tas-servizzi għall-istazzjonijiet ta' Maspalomas, ta' Santa Maria u ta' Svalbard, ta' protokoll ta' ftehim bejn il-Kummissjoni u Ċipru għall-istazzjon ta' Makarios u ta' kuntratt bejn il-Kummissjoni u l-fornitur tas-servizzi għall-istazzjon ta' Toulouse. |

## RETTIFIKA

**Rettifika tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/57/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 dwar is-sistema ta' twissija u tweġiba bikrija għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard li jittieħed taħt id-Deċiżjoni 2119/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 21 tas-26 ta' Jannar 2000 — Ħarġa Speċjali 2004, 15. Ambjent, konsumaturi u ħarsien tas-saħħa Volum 05)*

F'paġna 26, fit-titolu u fit-tielet premessa, f'paġna 27, fl-Artikolu 1(1), fl-Artikolu 3(1) u fl-Artikolu 3(2), f'paġna 28, fl-Anness I, fit-titolu u f'paġna 29, fl-Anness II, fit-tieni paragrafu tal-punt 2.2:

*minflok:* "twissija u tweġiba bikrija",

*aqra:* "twissija bikrija u ta' reazzjoni".

F'paġna 26, fl-ewwel premessa, fl-ewwel paragrafu tar-raba' premessa u fl-ittra (a) tar-raba' premessa:

*minflok:* "twissija u rispons bikri"

*aqra:* "twissija bikrija u ta' reazzjoni".

F'paġna 26, fit-tieni premessa:

*minflok:* "twissija bikrija u tweġiba",

*aqra:* "twissija bikrija u ta' reazzjoni".

F'paġna 29, fl-Anness II, fit-titolu:

*minflok:* "**Proċeduri għal tagħrif, konsultazzjoni u koperazzjoni taħt is-sistema ta' twissija u tweġiba bikrija**",

*aqra:* "**Proċeduri għal tagħrif, konsultazzjoni u kooperazzjoni taħt is-sistema ta' twissija bikrija u ta' reazzjoni**".

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT